

Il-Ġurnal Uffiċjali L 150

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

16 ta' Ġunju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 510/2010 tal-14 ta' Ġunju 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 tal-14 ta' Ġunju 2010 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** 17
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 512/2010 tal-14 ta' Ġunju 2010 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġina fl-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** 24
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 li jemenda l-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-aġġustament tal-kwoti mis-sena tas-suq 2010/2011 fis-settur taz-zokkor** 40
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 514/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (DSM 16244) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali ⁽¹⁾** 42

Prezz: 4 EUR

(Ikompil fil-paġna ta' wara)⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 515/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1137/2007 fir-rigward tal-użu tal-addittiv <i>Bacillus subtilis</i> (O35) fl-għalf li fih il-lasalocid sodium, il-maduramycin ammonium, il-monensin sodium, in-narasin, is-salinomycin sodium u s-semduramycin sodium ⁽¹⁾	44
★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 516/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf ⁽¹⁾	46
Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix	48
Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 518/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2010	50

DEĊIŻJONIJET

2010/333/UE:

★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tal-Baħrejn u l-Brażil fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina (notifikata bid-dokument numru C(2010) 3665) ⁽¹⁾	53
---	----



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux legiſlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 510/2010

tal-14 ta' Ġunju 2010

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾, ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") u wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-MIŻURI PROVVIŻORJI

- (1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1242/2009 ⁽³⁾ ("ir-Regolament provviżorju") imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' ċerti sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. ("ir-RPĊ").
- (2) Il-proċediment infetaħ b'riżultat ta' lment irreġistrat fit-2 ta' Frar 2009 minn Smiths Detection Group Limited ("il-kwerelant") fi sem produttur li jirrappreżenta iżjed minn 80 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija. Dan l-ilment kien

fi h evidenza ta' dumping u tal-ħsara materjali li tirriżulta minnu, li tqiesu li kienu biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ftuħ ta' proċediment.

2. IL-PROĊEDURA SUSSEGWENTI

- (3) Wara l-iżvelar tal-fatti ewlenin u l-kunsiderazzjonijiet, li fuqhom issejset id-deċiżjoni li jkunu imposti l-miżuri antidumping provviżorji ("il-konklużjonijiet provviżorji"), diversi partijiet interessati ressqu sottomissjonijiet bil-miktub biex juru l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw l-oppurtunità li jinstemgħu.
- (4) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kompliet bl-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-aspetti tal-konsum tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għamlet kuntatt mal-partijiet interessati, notevolment l-utenti u l-produtturi tal-prodott ikkonċernat, biex tivverifika d-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet fir-rigward ta' serje ta' tranżazzjonijiet.
- (5) Ta' min ifakkar li, kif stabbilit fil-premessa ⁽⁹⁾ tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Diċembru 2008 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkonċernat").
- (6) L-uniku esportatur produttur Ċiniż li kkoopera saħaq li m'hemm ebda ġustifikazzjoni li jintuża PI ta' 18-il xahar flok it-12-il xahar tas-soltu għall-investigazzjonijiet tal-antidumping. Skont il-kumpanija Ċiniża, il-PI kien imissu kopra biss is-sena kalendarja 2008.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 332, 17.12.2009, p. 60.

- (7) Ta' min jinnota mill-bidu li l-parti Ċiniża ma kenitx qajmet kwistjoni dwar l-użu ta' PI ta' 18-il xahar waqt l-istadju provviżorju tal-investigazzjoni. L-ilment sar biss wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji. Madankollu, il-PI kien diġà tħabbar fl-avviż ta' bidu tal-proċediment u fil-kwestjonarji, jiġifieri fil-bidu nett tal-investigazzjoni. Ir-raġunijiet preċiżi għall-għażla ta' PI ta' 18-il xahar huma spjegati fil-premessa (9) tar-Regolament provviżorju. Il-parti ma pprovdiet l-ebda argument li jitfa' dubju dwar il-ġustifikazzjoni li hemm relattivament fit-tranżazzjonijiet f'dan is-suq.
- (8) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà sħiħa taċ-ċifri marbutin mal-PI ma' dawk tas-snin ta' qabel, iċ-ċifri kollha li ngħataw fit-taqsimiet dwar il-ħsara u x'ikkaw-żaha li ngħataw għall-PI saru sena b'sena.
- (9) Il-produttur Ċiniż afferma wkoll li l-għażla tal-PI saret bil-għan li jkun manipulat l-fatturi tal-ħsara. Din l-allegazzjoni jkollha tinċaħad.
- (10) Il-Kummissjoni ma kellhiex u ma setgħetx ikollha ħjiel fil-bidu nett tal-investigazzjoni, tad-dejta u ċ-ċifri kumplessi marbutin mal-indikaturi tal-ħsara fil-bidu tal-investigazzjoni. Din id-dejta ġiet stabbilita biss waqt l-investigazzjoni.
- (11) Fl-aħħar, ta' min wieħed jinnota li mhijiex l-ewwel każ li fih ġie ffixsat PI għal żmien li jaqbeż it-12-il xahar (pereżempju kien hemm il-PI ta' 16-il xahar dwar il-metall tal-kalċju li oriġina mir-RPĊ u mir-Russja stabbilit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 892/94 ⁽¹⁾ jew il-PI ta' 18-il xahar dwar il-karbonat tad-disodju li oriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika stabbilit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/95 ⁽²⁾.
- (12) Il-produttur Ċiniż iddikjara wkoll li l-firma tal-kuntratt taqbad it-tranżazzjonijiet kollha f'ċertu punt ta' żmien kemm jekk ikun sar bejgħ permezz ta' proċess ta' sejħa għall-offerti u għalhekk mhemm ebda ħtieġa ta' PI imtawwal. Dan l-argument mhuwiex konvinċenti għaliex ma jindirizzax il-problema ewlenija li l-għadd ta' tranżazzjonijiet f'dan il-qasam tas-suq huwa relattivament żgħir. Id-data tal-iffirmar tal-kuntratt intużat biss biex ikun hemm għarfien ċar biżżejjed tal-elementi materjali tal-bejgħ kif ukoll biex ikun hemm data definita li tiddistingwi dak li għandu jiffirma parti mill-PI u l-perjodi preċedenti rispettivament, u dak li għandu jitħalla barra.
- (13) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor rigward il-PI, il-premessa (9) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.
- (14) Il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kienet ibbażata l-intenzjoni li tkun irrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju tal-antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-RPĊ u l-ġbir definittiv tal-ammonti li ngħabru permezz tad-dazju provviżorju. Ingħataw wkoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom qabel dan l-iżvelar.
- (15) Il-kummenti verbali u bil-miktub imressqa mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu fejn kien jixraq.

3. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

- (16) Wara li ttieħdu l-miżuri provviżorji, id-definizzjoni tal-prodott ġiet riveduta fid-dawl tal-kummenti mill-produttur Ċiniż u wara eżami dettaljat tad-dikjarazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni. Dan il-proċess wassal għall-konklużjoni li ebda prodott tat-teknoloġija alfa jew beta ma jista' jintuża għall-iskannjar tal-merkanzija. Għaldaqstant, huwa maħsub li hu xieraq li dawn iż-żewġ tipi ta' teknoloġija jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. Ma ġie ppreżentat ebda argument ieħor li seta' jqajjem dubju dwar is-sejbiet provviżorji li t-teknoloġiji li fadal kollha koperti mill-ambitu tal-prodott (apparti l-alfa u l-beta) jistgħu jintużaw fi skanners tal-merkanzija u li t-tipi kollha tal-prodott iservu l-istess skop, jiġifieri l-iskannjar tal-merkanzija bl-użu tal-istess karatteristika prinċipali ewlenija, jiġifieri l-emissjoni ta' radjazzjoni kkonċentrata għall-iskannjar tal-merkanzija. Tabilħaqq, waqt il-PI, fl-UE nbiegħu xi unitajiet tal-prodott ikkonċernat li jaħdmu bir-raġġi gamma.
- (17) Minħabba dan kollu, ġie konkluż li t-tipi ta' sistemi kollha tal-iskannjar tal-merkanzija bbażati fuq l-użu ta' teknoloġija tan-newtron jew ibbażati fuq l-użu tar-raġġi X b'sors ta' raġġ X ta' 250 KeV jew aktar, jew ibbażati fuq l-użu ta' radjazzjoni gamma li bħalissa jidħlu taħt il-kodiċi NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 u l-vetturi mgħammra b'dawn it-tipi ta' sistema li bħalissa jidħlu fil-kategorija tal-kodiċi NM ex 8705 90 90 għandhom l-istess karatteristiċi ewlenin fiżiċi u tekniċi, għandhom l-istess għan ta' użu u jikkompetu ma' xulxin fis-suq tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-konklużjonijiet fil-premessi (10) sa (15) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati kemm-il darba ma jirreferux għat-teknoloġiji tar-rad-jazzjoni alfa u beta.
- (18) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor rigward il-prodott simili, il-premessa (16) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.
- (19) Minħabba dan kollu, huwa definittivament konkluż li t-tipi kollha ta' sistemi ta' skannjar tal-merkanzija definiti hawn fuq huma l-istess fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 104, 23.4.1994, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 83, 13.4.1995, p. 8.

4. ID-DUMPING

1. It-Trattament ta' Ekonomija tas-Suq (TES)

- (20) Il-produttur Ċiniż ma talabx it-trattament tal-ekonomija tas-suq ("TES") u talab biss trattament individwali ("TI"). Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (19) u (20) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. It-Trattament individwali (TI)

- (21) Fin-nuqqas ta' ebda kumment dwar it-TI, il-premessi (21) sa (25) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Il-valur normali

3.1. Il-pajjiż analogu

- (22) L-ebda parti interessata ma qajmet kwistjoni dwar l-għażla tal-Istati Uniti tal-Amerika bħala pajjiż analogu.

- (23) Il-produttur Ċiniż tenna l-kummenti tiegħu dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' kumpanija waħda, stabbilita fl-Istati Uniti tal-Amerika, li hi relatata mal-kwerelant. Huwa ġab l-argument li l-kwerelant uża d-dejta marbuta mal-kumpanija fl-Istati Uniti li hi relatata miegħu biex ħadem il-kalkolu għall-valur normali fl-ilment, filwaqt li l-kwerelant iddikjara li l-kumpanija relatata fl-Istati Uniti ma kenitx tipproduċi l-prodott simili. L-esportatur produttur Ċiniż ressaq li l-parti fl-Istati Uniti relatata mal-kwerelant kien imissha ġiet obligata li tikkooopera mal-investigazzjoni u n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-parti tagħha għandu jitqies bħala raġuni biex il-kwerelant jiġi ttrattat bħala wieħed li ma kkooperax u għaldaqstant jintemm il-proċediment. Huwa sostna wkoll li l-Kummissjoni kien messha ċċarat u vverifikat dwar jekk il-kumpanija fl-Istati Uniti hijiex produttur tal-prodott simili. Fl-aħħar nett, l-esportatur produttur Ċiniż qajjem kwistjoni dwar l-użu tar-regola mhux preferenzjali tal-orijini, tal-UE, biex tindika jekk operatur ekonomiku jstax jiġi kkunsidrat bħala produttur ta' prodott.

- (24) Rigward il-kummenti marbutin mal-użu fl-ilment ta' dejta meħuda mill-kumpanija Amerikana relatata mal-kwerelant, huwa nnotat li l-informazzjoni dwar il-valur normali fl-ilment kienet ibbażata fuq il-prezzijiet ġenerali fl-Amerika li kienu disponibbli għall-pubbliku fis-sit tal-Internet GSA Advantages tal-Gvern Amerikan. Għal żewġ tipi ta' prodotti tal-prodott simili ma kienx hemm dawn il-prezzijiet disponibbli għall-pubbliku u għalhekk il-valur normali ġie kkalkulat mill-kwerelant abbażi tal-informazzjoni mill-ispejjeż tal-produzzjoni tiegħu fl-UE aġġustati għal-livell ta' għarfien tal-kwerelant dwar is-suq Amerikan.

- (25) Barra minn hekk, il-produttur Ċiniż ma pprovdha l-ebda prova li titfa' dubju fuq is-sejbiet imniżżlin fil-premessa (32) tar-Regolament provviżorju.

- (26) Il-liġi tal-antidumping tal-UE, kieku stess, ma fiha ebda regola li għandha tintemm proċedura minħabba li produttur fil-pajjiż analogu ikun iddeċieda li ma jikkoo-perax fl-investigazzjoni. Li l-produttur huwa relatat mal-kwerelant ma jbiddux din il-konklużjoni. Barra dan, il-każ tal-qorti li fuqu ddependa l-uniku produttur Ċiniż, jiġifieri T-249/06 (Interpipe), mhuwiex rilevanti f'dan il-kuntest hawnhekk għaliex f'dak il-każ, il-kwistjoni li riedet titwieġeb kienet sa liema punt kienet obligata kumpanija sussidjarja tal-produttur Komunitarju li tikkooopera għall-għan tad-determinazzjoni tal-ħsara. Dan mhuwiex l-istess bħall-preżentazzjoni tad-dejta biex jiġi stabbilit il-valur normali fil-pajjiż analogu.

- (27) Rigward l-argument dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' x'inhu produttur, huwa nnotat li l-investigazzjoni stabbilit li l-kwerelant qed jipproduċi l-prodott simili fl-UE u li din l-attività ta' manifattura tagħti status ta' orijini konformi mar-regoli mhux preferenzjali tal-orijini tal-UE. Bil-liġi m'hemm ebda hteġa li wieħed jipprovdha konklużjoni dwar l-istatus ta' entitajiet legali li mhumiex qed jiġu investigati fil-proċedura li tkun qed issir, jew ta' dawk li mhumiex stabbiliti fl-UE, jew id-dejta tagħhom ma ntużatx waqt l-investigazzjoni biex tiġi stabbilita xi sejba.

- (28) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor fir-rigward tal-għażla tal-pajjiż analogu, il-premessi (26) sa (37) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.2. Id-determinazzjoni tal-valur normali

- (29) Għandu jifakkar li l-valur normali ġie kkalkulat abbażi tad-dejta pprovduta mill-produttur waħdieni li kkoopera fil-pajjiż analogu (jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerika) u mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, għal tip wieħed ta' prodott li jiġi importat fl-UE, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet li bihom il-prodott simili li huwa prodott fl-Istati Uniti, jinbiegħ mill-produttur Amerikan fl-Istati Uniti stess. Il-produttur Amerikan li kkoopera ma kienx jipproduċi tipi oħra ta' prodotti li jikkorrispondu mal-importazzjonijiet miċ-Ċina għall-UE. Biex ikollha bażi iżjed wiesgħa għall-valur normali, il-Kummissjoni eżaminat ukoll setax jiġi stabbilit il-valur normali fuq kwalunkwe bażi oħra għal tipi oħra ta' prodotti, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku ("kwalunkwe bażi raġonevoli oħra"). Fl-istadju provviżorju nstab li l-informazzjoni vverifikata dwar l-ispejjeż tal-industrija tal-Unjoni setgħet tintuża għal xi tipi ta' prodotti.

- (30) Wara li ġew imposti l-miżuri provviżorji, il-produttur Ċiniż ippreżenta l-kummenti fir-rigward tal-valur normali.

- (31) Il-produttur Ċiniż ddikjara li l-valur normali kellu jiġi aġġustat 'l isfel b'ammont li kien jirrappreżenta d-differenza fl-ispiża bejn l-aċċeleraturi prodotti minnu u dawk mixtrijin minn band'oħra, billi l-kumpanija Ċiniża tipproduċi l-aċċeleraturi filwaqt li l-produttur Amerikan u l-industrija tal-Unjoni qed tixtrihom.
- (32) Rigward din it-talba, ta' min jinnota li ma kienet akkumpanjata minn ebda prova minkejja l-fatt li l-Kummissjoni kienet talbet dawn il-provi waqt l-investigazzjoni.
- (33) Il-produttur Ċiniż talab lill-Kummissjoni biex tipprovdi l-ispeċifikazzjoni preċiża tat-tipi speċifiċi tal-mudelli użati fil-kalkolu tal-valur normali. F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-industrija tal-Unjoni u l-produttur tal-pajjiż analogu jqisu li din it-tip ta' informazzjoni hija kunfidenzjali. Tabilħaqq, kieku wieħed kellu jagħti l-isem preċiż tal-mudelli u jitqies il-fatt li l-mudelli kienu minn serje waħda biss, u li l-karatteristiċi speċifiċi ta' din is-serje kienu diġà ġew żvelati, u li numru limitat biss ta' tipi ta' mudelli ġew użati għall-kalkolu tal-valur normali, allura l-partijiet li jirċievu din l-informazzjoni kienu jkunu jistgħu jaslu għall-kalkolu tal-prezzijiet attwali li ntabu għat-tipi speċifiċi tal-mudell jew għall-ispiża u l-prezzijiet li fuqhom ġie bbażat il-kalkolu tal-valur normali għal tipi differenti ta' mudelli. Din l-informazzjoni hija tabilħaqq kunfidenzjali min-natura tagħha u għaldaqstant din it-talba kellha tinċaħad.
- (34) Il-produttur Ċiniż wera d-dubbi tiegħu dwar il-mod ta' kif il-Kummissjoni kienet iddeterminat il-valur normali mid-dejta tal-industrija tal-Unjoni. Huwa ta l-fehma li għandhom jintużaw il-prezzijiet attwali tal-bejgħ u mhux il-prezzijiet offeriti wara s-sejħiet. L-ewwel nett, huwa xieraq li wieħed jiftakar li d-dejta mingħand l-industrija tal-Unjoni ntużat biex ikun hemm perċentwali akbar ta' rappreżentattività tal-paragun bejn il-valur normali u l-bejgħ għall-esportazzjoni li għamel il-produttur Ċiniż. Għalhekk, sa fejn kien possibbli, għat-tipi ta' prodott ikkonċernat li ma setax jiġi stabbilit valur normali għalihom abbażi tal-informazzjoni li kienet disponibbli fl-Istati Uniti, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-informazzjoni vverifikata li ttieħdet mingħand l-industrija tal-Unjoni għall-istess tipi ta' prodotti li kienu importati miċ-Ċina.
- (35) B'hekk, ġie kkalkulat il-valur normali għal għadd ta' tipi ta' prodotti (għallinqas prodotti li huma differenti mis-sistemi ta' skannjar mobbli) abbażi tal-kostijiet standard, mingħajr ma tqiesu x-xogħlijiet ċivili li seta' kien hemm, jew kostijiet oħra fuq il-post, u billi żdied perċentwali normali għall-profitt li, fi kwalunkwe każ, kien inqas sew mill-profitt fil-mira użat biex jiġi ffissat il-marġni tal-ħsara. L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni tapplika spejjeż standard għat-tipi kollha ta' prodotti li toffri. Id-dokumenti li jikkonċernaw il-preparazzjoni ta' dawn l-ispejjeż standard, il-mod kif jiġu kkal-
- kulati u l-paragun tagħhom mal-ispiża reali fl-iffissar regolari tal-prezzijiet saret verifika tagħhom u nstab li kollox kien sew.
- (36) Barra minn hekk, l-istruttura tal-ispiża tal-industrija tal-Unjoni ġiet ipparagunata mal-istruttura tal-produttur Amerikan tal-prodott simili. Instab li (i) il-marġni tal-profitt tal-produttur Amerikan kien akbar mill-marġni ta' profitt li ntuża biex jiġi kkalkulat il-valur normali abbażi tad-dejta mill-industrija tal-Unjoni u (ii) l-istruttura tal-ispiża tal-industrija tal-Unjoni tixbah b'mod ġenerali lil dik tal-produttur fil-pajjiż analogu (id-differenza preċiża ma tistax tkun żvelata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità). Għaldaqstant, l-użu tad-dejta tal-industrija tal-Unjoni biex jiġi ddeterminat il-valur normali jidher biċċar li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.
- (37) Il-produttur Ċiniż kkummenta wkoll dwar l-offerta pubblika li abbażi tagħha l-produttur tal-Istati Uniti tal-prodott simili biegħ sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija mobbli fis-suq tal-Istati Uniti. Huwa sostna li jekk il-Kummissjoni uża valur normali abbażi ta' sejħa għall-offerti li saret fl-2005 u qabbilha mal-prezz tal-esportazzjoni marbut mal-PI, dan il-paragun ma setax jitqies ġust. Din l-allegazzjoni mhijiex ikkonfermata mill-fatti stabbiliti fl-investigazzjoni. Fl-Istati Uniti, is-sejħiet pubbliċi għall-offerti jiġu organizzati biex jingħata kuntratt ta' qafas li skontu dak li jirbaħ il-kuntratt jista' jbiegħ prodott għal ċertu perjodu ta' żmien. Iżda l-kuntratt ta' qafas ma kienx fih prezzijiet. Tabilħaqq, dan il-kuntratt ġie konkluż fl-2005, iżda l-istimi individwali rispettivi għall-offerta u l-iffirmar tal-kuntratti saru fl-2007, jiġifieri fi żmien meta kien laħaq beda l-PI. Għaldaqstant, il-Kummissjoni aċċettat li din l-offerta għandha titqies li saret waqt il-PI u li għandha tiffirma parti mid-dejta li ntużat għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping.
- (38) Il-produttur Ċiniż talab ukoll spjegazzjoni għalfejn il-valur normali tas-sistema mobbli, bħal dik li tinbiegħ fil-Latvja, ma kenitx ikkalkulata mill-bejgħ tal-produttur Amerikan iżda mid-dejta tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-Kummissjoni ma setgħetx tuża d-dejta mill-pajjiż analogu għar-raġuni li din id-dejta ma kenitx disponibbli mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu.
- (39) Billi m'hemm l-ebda kumment ieħor, il-premessi (38) sa (42) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (40) Wara li ġew imposti l-miżuri provviżorji, il-produttur Ċiniż li kkoopera ressaq il-kummenti dwar il-prezz tal-esportazzjoni.

- (41) Dawn il-kummenti ġew magħmula frabta mat-tranżazzjonijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Finlandja u fil-Polonja fir-rigward ta' elementi ta' spiża speċifiċi. Il-kummenti li setgħu jiġu kkonfermati bid-dejta vverifikata ġew aċċettati u skont dan ġie rivedut il-kalkolu tal-marġni tad-dumping. Xi kummenti dwar għadd ta' spejjeż tal-installazzjoni kellhom jitwarrbu. F'dan ir-rigward irid jifakkur li, minkejja li ntalbet id-dejta attwali rilevanti dwar il-prezz ta' elementi differenti tal-prodott ikkonċernat f'varji stadji tal-investigazzjoni, il-kumpanija qatt ma għamlet ebda sforz biex tippovdi proposta għal analiżi konklużiva. L-ammonti li nġataw wara l-pubblikazzjoni tas-sejbiet provviżorji jikkostitwixxu informazzjoni ġdida li mhijiex ikkonfermata minn informazzjoni dwar il-kontijiet jew provi oħra li jistgħu jiġu vverifikati.
- (42) Il-produttur Ċiniż ċċara wkoll li għamel bejgħ wieħed barra mill-offerti pubbliċi. Din id-dikjarazzjoni hija kkonfermata. B'danakollu, l-investigazzjoni stabbiliet li dan il-bejgħ ma kienx bejgħ tas-soltu. Kien tabilħaqq ta' prodott sostitut, u l-prezz li qed tirreferi għalih kien inftiehem xi snin qabel il-PI. Il-prodott sostitut kien ta' tip kompletament differenti minn tal-prodott oriġinali. Għaldaqstant, din ma kenitx tranżazzjoni ta' matul il-PI, iżda l-għeluq ta' kuntratt li kien inftiehem qabel. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni marbut ma' din it-tranżazzjoni ma setax jinżamm fil-kalkolu.
- (43) Billi m'hemm l-ebda kument ieħor, il-premessi (43) sa (46) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- 5. It-tqabbil**
- (44) Il-produttur Ċiniż stqarr li l-paragun kien sar abbażi ta' numri mqassrin tal-kontroll tal-prodotti li jinjoraw id-differenzi fiżiċi bejn il-prodotti li qed jiġu pparagunati ma' xulxin. Barra minn hekk, il-kumpanija Ċiniża ddikjarat li l-aċċeleraturi, id-differenzi fit-tipi ta' xasi u l-livelli ta' enerġija kien imisshom tqiesu fil-paragun tal-prezzijiet.
- (45) Rigward l-ewwel stqarrija għandhom jiġu enfasizzati l-punti li ġejjin: fir-rigward ta' dejta meħuda mill-industrija tal-Unjoni, huwa mfakkar li l-kalkoli saru permezz ta' dejta li kienet marbuta direttament ma' offerti rispettivi għal sejħiet pubbliċi għall-offerti, jiġifieri għal tipi ta' prodotti li kienu qed jikkompetu fuq l-istess livell ta' bejgħ fl-istess żmien u li kienu kkunsidrati bħala kumparabbli mill-awtoritajiet dwar is-sejħiet pubbliċi għall-offerti. Rigward id-dejta dderivata mill-produttur Amerikan tal-prodott simili, l-investigazzjoni wriet li t-tip ta' prodott li ġie pparagunat issodisfa r-regoli stretti stipulati skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku, jiġifieri huwa prodott simili għall-prodott li qed jiġi kkunsidrat, minn kull lat. Għaldaqstant, il-fatt li d-differenzi fiżiċi mhumiex kollha riflessi f'numru ta' kontroll tal-prodott jew f'numru mqassar ta' kontroll tal-prodott ma jwaqqafx lill-Kummissjoni milli tagħmel paragun tajjeb bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Ta' iżjed importanza minn hekk, tqiesu d-differenzi li setgħu jaffettwaw il-komparabbiltà tal-prezzijiet. L-informazzjoni dokumentata turi li l-prodotti mibgħuta mill-esportatur produttur Ċiniż li kkoopera ħafna drabi fihom karatteristiċi żejda meta mqabbla ma' dawk li ntużaw bħala bażi għall-valur normali. B'riżultat ta' dan, il-valur normali ġie stabbilit b'mod konservattiv.
- (46) Fir-rigward tal-aċċeleraturi, it-tipi ta' xasi u l-livelli tal-enerġija, għandu jkun innutat li l-aġġustamenti mitlubin huma skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku iżda ma ntweriex li d-differenzi ddikjarati fil-karatteristiċi jaffettwaw il-prezz u l-komparabbiltà tal-prezz billi ma nġatet l-ebda l-informazzjoni mill-produttur Ċiniż li setgħet tiġġustifika aġġustament.
- (47) Il-produttur Ċiniż li kkoopera ddikjara li l-aċċeleratur huwa komponent importanti tal-prodott ikkonċernat u kien imissu ġie inkluż fl-istruttura tan-numru ta' kontroll tal-prodott. Il-Kummissjoni ma inkludietx l-aċċeleratur fl-istruttura tan-numru ta' kontroll tal-prodott billi ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati ma ppreżentat provi li juru li l-aċċeleratur kien fattur li jiddistingwi bejn tip u ieħor ta' prodott.
- (48) Il-produttur Ċiniż li kkoopera talab ukoll l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-aġġustamenti li saru għall-valur normali biex dan reġa' nġab fuq bażi ex-fabbrika. Saru aġġustamenti tal-ispejjeż tal-garanzija u tal-kreditu għall-valur normali, iddeterminati abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ fil-pajjiż ta' produzzjoni tal-produttur waħdieni fl-Istati Uniti tal-prodott simili. Saru l-aġġustamenti tal-ispejjeż tat-trasport, tal-garanzija, tat-taħriġ, tad-dokumentazzjoni u l-onorarij tal-aġenti għall-valur normali li ġew iddeterminati abbażi tad-dejta tal-industrija tal-Unjoni. Rigward it-talba għall-kwantifikazzjoni ta' dawn l-aġġustamenti, il-Kummissjoni ma tistax tikkax din id-dejta minħabba li din l-informazzjoni hija meqjusa li hi kunfidenzjali. Jeħtieġ li wieħed jinnota li, b'mod simili, fil-kalkolu tal-prezz ex-fabbrika, id-dejta korrispondenti ma ġietx żvelata lill-industrija tal-Unjoni.
- (49) Billi m'hemm l-ebda kument ieħor, il-premessi (47) u (48) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- 6. Il-marġni ta' dumping**
- (50) Il-produttur Ċiniż ikkritika l-fatt li xi bejgħ ġie eskluż mill-kalkolu tad-dumping. F'dan ir-rigward huwa nnutat li l-valuri tal-bejgħ tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati ġew ikkunsidrati oriġinarjament għall-iffissar tal-prezzijiet tal-esportazzjoni. Iżda l-valur normali ta' dawn it-tranżazzjonijiet ma setax ikun stabbilit. Għalhekk ma setax isir paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.

- (51) Il-produttur Ċiniż iddikjara wkoll li l-valuri CIF tal-bejgħ imsemmi fil-premessa (50) kellhom jiġu inklużi fil-valur sħiħ CIF li serva ta' denominatur għall-kalkoli ta' dumping. Dan l-argument ma jstax jiġi aċċettat. Il-kalkolu tad-dumping totali huwa riżultat tad-diviżjoni tat-total tad-dumping differenti li jinstab (fejn jista' jsir paragon tal-prezzijiet) bit-total tal-valuri CIF korrispondenti. L-inklużjoni fil-kalkolu tal-valuri CIF tal-bejgħ li għalih ma jstax isir paragon bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, minħabba li ma jkunx hemm valur normali f'fissat, jikkawża żball tal-aritmetika f'dawn il-kalkoli billi n-nominatur u d-denominatur ma jkunux qed jirreferu għal tranżazzjonijiet komparabbli.
- (52) Billi m'hemm l-ebda kumment ieħor, il-premessi (49) u (50) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (53) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-marġni tad-dumping definittiv, espress b'hal perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, dazju mhux imħallas, huwa ta' 38,8 %.

5. IL-ĦSARA

- (54) Il-kummenti dwar is-sejbiet li jikkonċernaw il-ħsara, li xi wħud minnhom ma kienu xejn ħlief repetizzjoni ta' kummenti li diġà ġew indirizzati mir-Regolament provviżorju, waslu biss mingħand il-produttur Ċiniż.
- (55) L-argumenti dwar kummenti li diġà ġew indirizzati fir-Regolament provviżorju mhumiex imtinnija f'dan ir-Regolament.

1. Rimarki ġenerali

- (56) Ta' min wieħed ifakkar li f'dan il-każ l-informazzjoni ppreżentata tirreferi għal żewġ produtturi u esportatur produttur wieħed tal-Unjoni li essenzjalment jirrappreżentaw is-suq tal-Unjoni. Meta dan jitqies, ma jstgħux jingħataw ċifri preċiżi għall-għan ta' protezzjoni tal-informazzjoni proprjetarja tan-negozju. Għalhekk, l-indikaturi qegħdin jingħataw f'forma ta' indiċi jew firxiet.
- (57) Fit-tweġiba tiegħu għad-dokument ta' notifika provviżorju, il-produttur Ċiniż talab li l-istima tal-ħsara tiġi ppreżentata fuq bażi annwali. Minkejja li dan ma jbidilx is-sustanza tad-dejta, imma jbidel biss il-preżentazzjoni tagħha, it-talba ntaqgħet bħala ġġustifikata u b'hekk l-analiżi li tidher hawn taħt hija ppubblikata annwalment mill-bidu sal-aħħar.
- (58) Il-produttur Ċiniż ma qabltx mad-dejta dwar il-volum tal-bejgħ għall-perjodu inkunsiderazzjoni (mill-2004 sal-aħħar tal-PI) li tidher fid-dokument ta' notifika provviżorju speċifiku għall-kumpanija. Ta' min jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet analiżi preċiża u eżawrjenti tad-dejta kkompilata lill-produttur Ċiniż. Ir-reazzjonijiet li rċieva l-produttur Ċiniż konsegwentement tqabblu mal-

informazzjoni disponibbli li pprovdew l-awtoritajiet tal-Istati Membri bħala utenti tal-prodott ikkonċernat u l-produtturi fl-Unjoni. Għaldaqstant, fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġew magħrufin id-dettalji tal-bejgħ miċ-Ċiniżi għall-Unjoni u l-impatt relattiv tiegħu.

- (59) Il-produttur Ċiniż sostna li fejn m'hemmx offerta mill-industrija tal-Unjoni, il-bejgħ tiegħu għandu jkun eskluż mill-analiżi tal-ħsara u kawżalità. B'danakollu ta' min jinnota li l-istituzzjonijiet ma jstgħux isostnu li minħabba l-fatt li, waqt il-PI l-industrija tal-Unjoni ma tefgħetx offerta għal sejħa speċifika filwaqt li l-esportatur produttur Ċiniż tefa' offerta, b'daqshekk l-industrija tal-Unjoni għamlet ħsara lilha nnifisha b'tali mod li kisret ir-rabta kawżali bejn il-ħsara u d-dumping. Barra minn hekk, dak li jkun ma jstax jipparteċipa f'sejħa għall-offerti mingħajr spejjeż (fi traduzzjonijiet, onorarji tal-aġenti, kultant ħlas biex titfa' l-offerta, eċċ.) għaldaqstant kumpaniji ma jstgħux offerta sakemm ma jkunux ċerti li għandhom ċans li jirbħu l-kuntratt.
- (60) Ġie sostnut ukoll li fejn il-kwerelant (Smiths Detection Group Limited) għamel offerti akbar mill-massimu tal-prezz speċifikat fis-sejħiet, dan għandu jiġi eskluż mill-analiżi tal-ħsara u kawżalità. Iżda l-investigazzjoni ma ħarġet l-ebda informazzjoni li tista' tiġi vverifikata li tikkonferma li saru offerti b'hal dawn.
- (61) Il-produttur Ċiniż sostna li hemm nuqqas ta' simetrija tad-dejta dwar il-ħsara. Dan għaliex il-volum tal-bejgħ, is-sehem fis-suq u l-profitt jirreferu għall-bejgħ permezz tad-data tal-kuntratt filwaqt li ċerti fatturi oħra tal-ħsara oriġinaw mill-kontabilità finanzjarji tal-kwerelant u għaldaqstant għandhom mnejn ma jaqblux fiż-żmien. Fil-bidu ta' din l-investigazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom jiffissaw punt ta' referenza ċar għall-bejgħ, li jkun applikabbli għall-kumpaniji kollha li jikkooperaw mal-proċediment. Ġie deċiż li d-data tal-kuntratt kienet tipprovidi l-aħjar punt ta' referenza minħabba li ta' spiss jgħaddi ħafna żmien bejn id-data tal-bidu tas-sejħa għall-offerti u d-data tal-kuntratt, kif ukoll bejn id-data tal-kuntratt u l-aħħar data tal-fattura. Barra minn hekk, jista' jkun li jkun hemm għadd ta' fatturi għal kuntratt wieħed u kuntratt jista' jkun fih ħafna snin.
- (62) Meta d-data tal-kuntratt ġiet iffissata bħala l-punt ta' referenza, ma kienx prattiku li wieħed jitlob lill-produtturi tal-Unjoni biex jimlew it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjunarju kollu abbażi tad-dati tal-kuntratti. Kieku ntabu jagħmlu hekk kien ikollhom jergħu jaħdmu l-kontabilità tagħhom mill-ġdid b'mod li mhumiex prassi normali u li kien idaħħal numru ta' ambigwitatijiet bl-impatt negattiv konsegwenti fuq il-kwalità tal-informazzjoni. Fid-dawl li ma kienx vijabbli li jintużaw id-dati tal-fatturi bħala punt ta' referenza, id-dejta dwar il-ħsara f'dal każ ingħatat bl-aħjar mod possibbli għal dan il-prodott.

- (63) Waqt l-għaxar xahar tal-investigazzjoni, jiġifieri fir-reazzjoni tiegħu għall-konklużjonijiet provviżorji, il-produttur Ċiniż qajjem kwistjoni wkoll dwar il-fatt li l-PI kien għal tul ta' 18-il xahar, u ddikjara li dan kellu jkun limitat biss għas-sena kalendarja tal-2008. Din it-talba kellha tiġi miċħuda għar-raġunijiet li jiġġustifikaw perjodu ta' 18-il xahar kif imniżżel fir-Regolament provviżorju u hawn fuq fil-premessi (5) sa (11). Barra dan, bidla bħal din kienet tfixkel il-konklużjoni f'waqtha tal-investigazzjoni għaliex kienet tinvolvi li l-kumpaniji kollha li kienu qed jikkoooperaw jintalbu li jergħu jimlew it-tweġibiet għall-kwestjonarji abbażi ta' PI rivedut.
- (64) Il-produttur Ċiniż wera wkoll id-dubbi tiegħu dwar jekk il-bosta kumpaniji tal-UE relatati mal-kwerelant ġewx inklużi kif suppost fl-analiżi tal-ħsara magħmula mill-Kummissjoni. Iżda l-verifika tar-risposti għall-kwestjonarju tal-kwerelant saret bil-koooperazzjoni sħiħa tal-grupp kollu u l-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-indikaturi tal-ħsara u l-kalkoli kienu analizzati kif suppost għall-grupp kollu kemm hu. Kif ġie ċċarat lill-produttur Ċiniż qabel l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, il-kumpaniji tal-UE li għalihom kienet qed tirreferi, jekk għandhom xi rwol fil-manifattura u l-bejgħ tal-prodott rilevanti, dan hu rwol insinifikanti. Fil-fatt, ir-rwol tagħhom huwa limitat għal ċerti funzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat (pereżempju jagħmlu l-manutenzjoni) u l-bejgħ ta' prodotti li mhumiex fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.
- (65) Il-produttur Ċiniż fl-aħħar nett sostna li, safejn l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi ta' ċerti sejħiet għall-offerti jew ma rrispondiet xejn għas-sejħiet, ma kien hemm ebda dumping li għamel ħsara lill-industrija kkonċernata tal-UE f'dawn it-tranżazzjonijiet. Din it-talba ma setgħetx tintlaqa'.
- (66) L-ewwel nett, għandu jkun innutat li l-fatt li ma jistax jiġi ffissat valur normali għal xi tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni ma jifax dubju fuq is-sejbien ta' dumping li jagħmel il-ħsara, sakemm dak li jkun ibbażat fuqu l-kalkolu huwa kkunsidrat li jkun rappreżentattiv. F'dan il-każ dan kien ċertament minnu (ara l-premessa (50)). Għat-tranżazzjonijiet speċifiċi kkonċernati, għandu jkun innutat dan li ġej. It-tranżazzjoni li tirreferi għall-problemi ta' rekwiżiti tekniċi tikkonċerna tip wieħed ta' prodott mibjugħ fuq bażi ta' sejħa waħda għall-offerti. Il-produttur Ċiniż minn lat wieħed, u ż-żewġ produtturi tal-Unjoni mil-lat l-ieħor, interpretaw is-sejħa għall-offerti b'modi differenti. Il-produttur Ċiniż sostna lejn l-aħħar tal-investigazzjoni, li t-tip ta' prodott ikkonċernat kien kompletament differenti minn skanner mobbli filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet ta' opinjoni differenti. Għalhekk jidher ċar li l-industrija tal-Unjoni ħadet sehem f'din is-sejħa għall-offerti fit-twemmin li għandha toffri tip ta' prodott speċifiku. Aktar importanti minn hekk, il-parteċipazzjoni tagħha involviet l-ispejjeż (għat-traduzzjonijiet, għall-aġent, il-ħlas tal-parteċipazzjoni. eċċ.). Għalhekk, il-fatt li fil-konklużjoni finali tal-proċess tas-sejħa għall-offerti l-industrija tal-Unjoni ma tefgħetx offerta fuq termini indaq ma jfissirx awtomatikament li dawn l-importazzjonijiet ma kkontribwewx għall-ħsara.
- (67) Rigward it-tranżazzjonijiet li fadal, il-produttur Ċiniż jirreferi għal tranżazzjoni li ma tidħolx fl-ambitu tal-PI li, kif hemm spjegat fil-premessa (42), hija tabilħaqq għeluq ta' kuntratt li kien magħmul qabel. Dan irrefera wkoll għal tranżazzjoni li fiha l-industrija tal-Unjoni ma pparteċipatx fis-sejħa għall-offerti. Rigward l-ewwel tranżazzjoni, ma saret ebda deċiżjoni dwar il-ħsara. Rigward it-tieni tranżazzjoni, japplikaw il-konklużjonijiet tal-premessa (59).

2. Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni

- (68) Waqt il-ħdax-il xahar tal-investigazzjoni, kumpanija Rumena ddikjarat li waqt il-PI kienet produttur tal-UE ta' ċerti sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni dwar l-istatus attwali ta' din il-kumpanija. Skont l-informazzjoni ppreżentata kemm mill-kumpanija kif ukoll minn operaturi oħra f'dan is-suq, inkluż il-produttur Ċiniż, ir-rabta ta' din il-kumpanija mal-prodott simili hija relatata mill-qrib mal-attivitajiet ta' produzzjoni ta' produttur tal-Unjoni stabbilit tas-sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija. B'riżultat ta' dan, fil-kuntest tal-investigazzjoni kurrenti, l-uniku bejgħ li għamlet il-kumpanija Rumena waqt il-PI huwa meqjus li sar mill-produttur tal-Unjoni ta' sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija.
- (69) Rigward l-indikaturi makroekonomiċi, bħall-konsum, il-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-ħażniet, il-volum tal-bejgħ, is-sehem fis-suq, l-impjieg, il-produttività u l-pagi, kif ukoll il-bejgħ għall-esportazzjoni, ta' min jinnota li dawn ġew analizzati fir-rigward tal-produtturi kollha tal-Unjoni.
- (70) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, is-sejbiet previsti fil-premessi (52) sa (56) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Il-konsum tal-Unjoni

- (71) Il-produttur Ċiniż sostna li l-livell tal-konsum tal-Unjoni kif previst fir-Regolament provviżorju ma kienx eżattament korrett. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni kkuntattjat lill-partijiet interessati, notevolment l-utenti, bil-għan li tiġbor aktar tagħrif dwar il-konsum tal-UE waqt il-perjodu inkunsiderazzjoni. Abbażi tat-tagħrif addizzjonali li pprovdew il-partijiet interessati, huwa meqjus li l-konsum tal-UE żviluppa kif ġej:

	2004	2005	2006	2007	PI
Indiċi: 2004 = 100	100	62	114	110	111

Sors: Twegġibiet għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

- (72) Il-konsum tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili fl-UE żdied bi 11 % matul il-perjodu inkunsiderazzjoni.
- (73) Il-produttur Ċiniż sostna li għandha tiġi ppubblikata d-dejta dwar il-konsum attwali, u mhux it-tagħrif indiċjat. F'dan ir-rigward huwa nnotat li, kif diġà ġie spjegat biċ-ċar fil-premessa (54) tar-Regolament provviżorju, in-numru ta' partijiet involuti fil-produzzjoni ta' ċerti sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija huwa żgħir u b'hekk kull kxif tad-dejta reali tal-konsum jista' jwassal għall-kxif tal-bejgħat attwali mill-partijiet, u dan it-tagħrif huwa meġus bħala kunfidenzjali.
- (74) Tressaq ukoll li ċ-ċifra tal-konsum għandha tqies l-unitajiet kollha tal-prodott ikkonċernat li huma kkunsmati fis-suq tal-UE. F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-figuri tal-konsum tal-Unjoni jqisu l-bejgħ kollu tal-prodott li qed jiġi investigat (kemm jekk ikunu b'riżultat ta' sejħa għall-offerti, kemm jekk ma jkunux) mill-partijiet kollha (safejn għandha t-tagħrif il-Kummissjoni). Id-dejta tqabblat u vverifikata mas-sorsi differenti disponibbli. B'danakollu l-figuri tal-konsum juru biss il-bejgħ attwali, u mhux in-numru żgħir ta' tranżazzjonijiet li ġew irrappurtati lill-Kummissjoni, li kienu jikkonċernaw jew kiri jew għotja. Kieku ġew inklużi dawn it-tranżazzjonijiet, is-sehem Ċiniż fis-suq kien ikun akbar.
- (75) Billi m'hemm l-ebda kument ieħor, il-premessi (57) u (58) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (71) sa (74) hawn fuq, huma b'dan ikkonfermati.

4. L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

(a) *Volum, prezz u sehem fis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett tad-dumping tal-prodott ikkonċernat*

- (76) Kif inhu spjegat fil-premessi (57) u (58), ġew riveduti l-volumi u s-sehem fis-suq tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat. L-annwalizzazzjoni tad-dejta u l-aġġornament tal-volumi kkonfermaw il-konklużjonijiet li hemm fir-Regolament li l-importazzjonijiet u s-sehem fis-suq tagħhom żdiedu b'mod sinifikanti mill-2004 'l hawn. Il-parti Ċiniża wriet id-dubji tagħha dwar il-metodoloġija użata fl-indiċjar ta' din id-dejta. Huwa importanti li nenfasizzaw li d-dejta li ġiet attwalment użata, bi kwalunkwe mod li ġiet indiċjata, kemm fl-istadju provviżorju kif ukoll f'dak definittiv, turi żieda sinifikanti fil-volum u fis-sehem fis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.
- (77) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdied b'iżjed minn 150 % matul il-perjodu kkonċernat.

	2004	2005	2006	2007	PI
Volum ta' importazzjonijiet	100	75	250	200	267

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Twegġibiet għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

- (78) Kif intqal fil-premessa (60) tar-Regolament provviżorju, il-prezz medju tal-esportazzjoni varja ħafna skont it-tipi ta' skanner tal-merkanzija li kienu importati u għalhekk ma setgħux iwasslu għal konklużjonijiet sinifikanti.

- (79) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdied b'iżjed mid-doppju fil-perjodu kkonċernat.

	2004	2005	2006	2007	PI
Sehem mis-suq tal-PRC	15-25 %	20-30 %	40-50 %	30-40 %	40-50 %
Indiċi: 2004 = 100	100	121	219	183	240

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

- (80) Il-produttur Ċiniż sostna li għandhom jiġu eżaminati wkoll il-volumi ta' wara l-PI (l-offerti li ntrebħu waqt il-PI li għalihom ġew iffirmati l-kuntratti wara l-PI). Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, il-fatti ta' wara l-PI ma jitqisux, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-produttur Ċiniż ma invokax dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. Barra minn hekk, għar-raġuni ta' komparabbiltà, kien ikun jeħtieġ li jiġu allokat i mill-ġdid il-bejgħ li saru qabel il-PI. Għaldaqstant din it-talba ma ntlax. Meta wieħed iqis iż-żidiet fl-importazzjoni f'termini tal-volum u tas-sehem fis-suq li jidhru hawn fuq, din id-deċiżjoni xorta waħda ma kellha l-ebda impatt fuq il-fatturi li ġew eżaminati f'dan il-każ.

(b) *L-offerta ta' bejgħ taħt il-prezz*

- (81) Il-produttur Ċiniż ressaq li l-metodoloġija użata fl-istadju provviżorju f'dak li jikkonċerna l-offerti ta' bejgħ taħt il-prezz kienet żbaljata. Fl-opinjoni tiegħu, ma kienx possibbli li l-prezzijiet attwali tal-bejgħ tiegħu jitqabblu mal-prezzijiet li toffri l-industrija tal-Unjoni għas-sejħat tal-offerti. F'dan ir-rigward ta' min wieħed jinnota li din il-metodoloġija kienet meqjusa li kienet l-aktar waħda xierqa minħabba l-ħtieġa ta' paragun ġust li involva prodott kumpless ħafna u li involva x-xiri pubbliku. Ma ġew identifikati ebda metodi vijabbli oħra mill-partijiet interessati.
- (82) Irid jingħad li minkejja li l-metodoloġija baqgħet dik deskritta hawn fuq, saru xi aġġustamenti żgħar għall-kalkolu li baxxew il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u dawn tgħarrfu lill-partijiet interessati.
- (83) Il-paragun rivedut juri li, waqt il-PI, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu mibjugħin fl-Unjoni bi prezzijiet iżjed baxxi minn daww tal-industrija tal-Unjoni b'firxa ta' bejn il-15 u l-20 %. Ta' min jinnota li l-produttur Ċiniż sostna fis-sottomissjonijiet tiegħu li waħda mir-raġunijiet li għalihom kien rebaħ il-kuntratti kienet li offra speċifikazzjoni ta' prodott superjuri. F'termini ta' offerti ta' bejgħ taħt il-prezz (u bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa) dan seta' wassal biex isiru l-aġġustamenti u biex jiġu kkalkulati marġnijiet akbar. Dan l-aġġustament ma sarx għaliex dan ma ġiex ippruvat li kien validu u ma kien hemm ebda informazzjoni biex tikkwantifikahom.
- (84) Billi ma kien hemm ebda kummenti oħra, il-bqija tal-informazzjoni fil-premessi (59) sa (62) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (76) sa (83) hawn fuq, hija b'dan ikkonfermata.

5. Il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni

Kummenti preliminari

- (85) Ta' min jinnota li d-dejta tal-indikaturi tal-ħsara hija ppreżentata b'mod differenti fir-Regolament definittiv biex jindirizzaw żewġ kwistjonijiet, kif iddikjarat fil-premessi (57) u (69), jiġifieri t-talba tal-produttur Ċiniż biex tiġi annwalizzata id-dejta tat-18-il xahar tal-PI u l-kumpilazzjoni fl-analiżi tal-makroindikaturi tad-dejta meħudin mit-tieni produttur tal-Unjoni.

L-indikaturi tal-ħsara*Il-produzzjoni, il-kapaċità u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità*

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-produzzjoni	100	75	94	173	151
Il-kapaċità	100	83	90	185	200
L-utilizzazzjoni tal-kapaċità	100	90	104	94	76

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (86) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'51 %. Din ix-xejra pożittiva hija dovuta prinċipalment għall-bejgħ tajjeb li sar għall-espportazzjoni tal-prodott simili. L-industrija tal-Unjoni żiedet b'aktar mid-doppju l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha matul l-istess perjodu għall-istess raġuni. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqas b'24 %.
- (87) Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-figuri msemminjati hawn fuq huma marbutin mal-produzzjoni, li parti sostanzjali minnha tinbiegħ fi swieq lil hinn mill-UE, dawn l-indikaturi mhumiex meqjusin bħala importanti f'dan il-każ.

Il-ħażniet

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-ħażniet	100	164	155	127	136

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (88) Il-livell tal-ħażna tal-industrija tal-Unjoni wera xejra 'l fuq li qed titbiddel matul il-perjodu kkunsidrat. B'danakollu, dan ma tqiesx li kien indikatur importanti billi din l-industrija topera fuq bażi ta' produzzjoni skont l-ordni, il-ħażniet dejjem jinżammu baxxi ħafna u parti kbira ta' dawn il-ħażniet kienet maħsuba għas-suq tal-espportazzjoni.

Il-volum tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-volum ta' bejgħ tal-Unjoni	100	67	93	100	76
Sehem mis-suq	65-75 %	70-80 %	55-65 %	60-70 %	45-55 %
L-indiċi tas-sehem mis-suq	100	108	82	91	68

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

- (89) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkonċernat u fil-PI kien ta' kważi 25 % inqas mill-volum oriġinali tiegħu. L-industrija tal-Unjoni tilfet mal-20 punt perċentwali mis-sehem tagħha fis-suq bejn l-2004 u t-tmiem tal-PI.
- (90) Il-konklużjonijiet fil-premessa (69) tar-Regolament provviżorju li jirrigwardaw il-prezzijiet tal-bejgħ huma kkonfermati.

- (91) Il-produttur Ċiniż tenna t-talba tiegħu li jirċievi l-informazzjoni dwar l-offerti tal-kwerelant għas-sejthet tal-offerti li ġew milqugħa u dwar kemm tqiesu ċerti offerti fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Iżda, l-għotja ta' dan il-livell ta' dettall ma tqiesx li kien xieraq minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Dan talab ukoll il-konferma li d-data tal-iffirmar tal-kuntratti tal-bejgħ li sar b'riżultat tas-sejthet għall-offerti ġiet użata bħala l-fattur determinanti fil-kalkolu tal-konsum tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet jikkonfermaw li l-metodoloġija spjegata fil-premessa (57) tar-Regolament provviżorju ntużat għall-partijiet kollha. L-istess parti talbet ukoll kjarifika li d-dejta dwar il-kwerelant kienet tirreferi għaż-żewġ impjanti ta' produzzjoni tiegħu. Dwar dan, kif intqal fil-premessa (7)(a) tar-Regolament provviżorju, huwa kkonfermat li d-dejta mressqa mill-kwerelant ġiet ikkumpilati mill-impjanti t-tnejn li huma tal-produzzjoni tiegħu.

Il-profittabilità

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-marġni ta' profitt ta' qabel it-taxxa	100	85	90	7	- 50

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (92) L-industrija tal-Unjoni bdiet tagħmel it-telf matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sitwazzjoni kienet partikolarment ħażina matul il-PI.

L-investimenti, il-profitt fuq l-investment, il-likwidità u l-ħila għall-akkwist tal-kapital

	2004	2005	2006	2007	PI
Investimenti	100	164	100	354	105
Ir-redditu fuq l-investment	110-120 %	85-95 %	210-220 %	215-225 %	60-70 %
Likwidità	100	124	257	186	- 71

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (93) L-investimenti baqgħu baxxi matul il-perjodu kkunsidrat. Parti kbira mill-investimenti kienet iddedikata għall-manutenzjoni tal-bini operattivi tal-industrija tal-Unjoni. Il-livell ogħla ta' investment innutat fl-2007 jirrigwarda brevett ġdid biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Ta' min ifakkar li dan in-negozju huwa ffukat ħafna fuq l-għarfien u mhux fuq l-investment.
- (94) Ir-redditu fuq l-investment, imfisser f'termini tal-profitti netti tal-industrija tal-Unjoni u l-valur nett fuq il-karta tal-investimenti tagħha, juri tnaqqis matul il-perjodu kkunsidrat, iżda mhuwiex indikatur tajjeb tal-ħsara għaliex jirrifletti prinċipalment assi li diġà kienu ġew deprezzati.
- (95) Il-qagħda tal-likwidità tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod drammatiku tul il-perjodu kkonċernat.
- (96) Billi l-produzzjoni tas-sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija kienet tiffirma parti żgħira mill-attivitajiet tal-kwerelant, il-ħila għall-akkwist tal-kapital ma tqiesitx bħala indikatur importanti f'dan il-każ.

Ix-xogħol, il-produttività u l-pagi

	2004	2005	2006	2007	PI
L-impjeggi	100	110	129	160	167
L-ispiża medja tax-xogħol għal kull ħaddiem	100	98	102	106	106
Il-produttività għal kull impjegat	100	68	73	109	135

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (97) L-impjeggi, l-ispiża medja tax-xogħol għal kull ħaddiem u l-produttività għal kull ħaddiem żdiedu waqt il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, dawn l-indikaturi ma jitqiesux bħala indikaturi importanti f'dan il-każ, billi ħafna mill-impjeggi huma marbutin mal-produzzjoni ta' ċerti sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija li huma mibjugħin fis-suq għall-esportazzjoni.

Id-daqs tad-dumping

- (98) Is-sejbiet tal-premessa (76) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

Kummenti oħra

- (99) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor, il-bqija tal-informazzjoni fil-premessi (64) sa (76) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (85) sa (98) hawn fuq, hija b'dan ikkonfermata.

6. Il-konklużjoni dwar il-ħsara

- (100) Is-sejbiet fir-Regolament provviżorju dwar il-gradi ta' importanza differenti tal-indikaturi tal-ħsara f'din il-proċedura partikolari jibqgħu validi. Il-fatturi tal-ħsara li huma meqjusin bħala l-iżjed importanti huma kemm iħallu profitt, is-sehem fis-suq u l-offerta ta' bejgħ taħt il-prezz billi dawn direttament jirreflettu s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni b'relazzjoni mal-attività tagħha fis-suq tal-Unjoni. Ir-raġunijiet li għalihom ċerti indikaturi oħra mhumiex daqstant relevanti qegħdin spjegati hawn fuq.
- (101) Fir-rigward tal-kapaċità ta' profitt, l-industrija tal-Unjoni għamlet telf tul il-perjodu kkunsidrat u s-sehem fis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas b'24 %. Barra minn hekk, il-produttur Ċiniż għamel offerta ta' bejgħ taħt il-prezz tal-kwerelant b'firxa ta' bejn il-15 u l-20 %.
- (102) Tabilħaqq, is-sehem Ċiniż mis-suq tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni żdied b'140 % tul il-perjodu kkonċernat filwaqt li fl-istess żmien kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-bejgħ (- 24 %) tal-industrija tal-Unjoni u fis-sehem mis-suq (20 punt perċentwali).
- (103) Kif ġie spjegat fir-rimarki ġenerali ta' qabel din l-analiżi tal-ħsara, id-dejta ġiet ippreżentata b'mod differenti minn dak tar-Regolament provviżorju. Jidher biċ-ċar li kemm jekk tkun ippreżentata d-dejta f'format annwalizzat kif ukoll jekk le, ma tinbidilx fis-sustanza tagħha iżda biss fil-preżentazzjoni. Iżda d-dejta dwar il-ħsara li tidher hawn fuq (fir-rispett tal-makroindikaturi) tinkludi wkoll id-dejta dwar it-tieni produttur tal-Unjoni. Għaldaqstant ġie konkluż li d-dejta riveduta li tidher hawn fuq tikkonferma l-konklużjonijiet provviżorji dwar il-ħsara, jiġifieri li kien hemm sitwazzjoni ta' ħsara matul il-perjodu kkunsidrat fit-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

- (104) Meta jitqies dan li ntqal hawn fuq, huwa maħsub li l-konklużjonijiet rigward il-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kif stipulat fir-Regolament provviżorju ma nbidlux mit-tibdil fil-preżentazzjoni msemmi fil-premessa (85). Billi m'hemm ebda kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-premessi (77) sa (80) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (100) sa (103) hawn fuq, huma b'dan ikkonfermati.

6. IL-KAWŻALITÀ

- (105) Il-kummenti dwar is-sejbiet rigward il-kawżalità ntbagħtu biss mill-produttur Ċiniż.
- (106) Ta' min ifakkar li l-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u fatturi oħra ġew annwalizzati għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (85).

1. L-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (107) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem fis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping żdied b'140 %, waqt li s-sehem fis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 32 %. Dawn il-bidliet negattivi għall-industrija tal-Unjoni sehew fl-isfond ta' konsum tal-UE li żdied bejn wieħed u ieħor bi 11 % bejn l-2004 u l-PI (figura annwalizzata).

2. L-effetti ta' fatturi oħra

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-bejgħ ta' esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni	100	93	123	245	233
Il-prezz tal-bejgħ tal-esportazzjoni	100	107	60	63	70

Indiċi: 2004 = 100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (108) Il-volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied matul il-perjodu kkunsidrat. L-esportazzjonijiet kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira (bejn 85 u 95 %) tal-volum totali tal-produtturi tal-Unjoni fil-PI.

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (109) Il-produttur Ċiniż implika li l-Kummissjoni naqset milli tanalizza l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u li nbigħu iżjed skanners tal-merkanzija lill-UE minn kumpaniji Amerikani milli mir-RPĊ waqt il-PI, iżda dan l-argument mhuwiex sostnut bil-fatti u bi provi konkreti u li jistgħu jiġu vverifikati.
- (110) Wara li ttieħdu l-miżuri provviżorji, il-Kummissjoni fittxet b'mod attiv iżjed tagħrif dwar l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti iżda fl-aħħar ikkonfermat il-figuri għall-volum tal-importazzjoni mill-Istati Uniti li kienu stabbiliti fl-istadju provviżorju.

L-industrija tal-Unjoni ma ppreżentatx l-offerta tagħha għall-proċessi kollha tas-sejħat għall-offerti li saru matul il-PI

- (111) Il-produttur Ċiniż ikkritika l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'ċerti sejħat għall-offerti. F'dan ir-rigward, ninnotaw li l-investigazzjoni qieset li mhux il-partijiet kollha (l-industrija tal-Unjoni, il-produttur Ċiniż, produtturi oħra ta' ċerti sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija) tefgħu l-offerti tagħhom għal kull eżerċizzju ta' sejħat għall-offerti. Ma nstab ebda fattur konvinċenti li jimplika li l-ħsara li dehret biċ-ċar waqt il-perjodu kkunsidrat irriżultat mill-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma pparteċipatx f'offerti li ma kenux meqjusa għażliet kummerċjali xierqa. Il-fatt li għażla kummerċjali xierqa hija fattur li jiddetermina għandux wieħed jirrispondi għal sejħa għall-offerti huwa kkonfermat mill-fatt li t-tfiġh tal-offerti jinvolvi l-ispejjeż (traduzzjonijiet, onorarji tal-aġenti, ħlas biex tiddaħħal l-offerta, eċċ.) u l-kumpaniji ma jiftgħux offerta sakemm ma jkunux ċerti li għandhom ċans li jirbħu l-kuntratt.

L-impatt ta' fatturi mhux marbutin mal-prezz tal-prodott ikkonċernat

- (112) Il-produttur Ċiniż insista li għandhom jiġu analizzati iżjed fil-fond, biex tingħaraf il-kawża tagħhom, l-effetti iġurjużi ta' fatturi mhux marbutin mal-prezz, bħalma huma fatturi oħra tekniċi.
- (113) Mhemmx dubju li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi teknikament li tiproduċi prodott bl-istess speċifikazzjonijiet ta' dak Ċiniż. Iżda dan kien ikun ifisser li l-industrija tal-Unjoni kien ikollha toffri l-prodott bi prezz oġhla. Tabilħaqq, din il-kwistjoni turi l-effett sħiħ tad-dumping li qed isir mill-produttur Ċiniż. Parti mid-dumping huwa dovut għall-fatt li l-produttur Ċiniż sempliċiment joffri prodott b'iżjed karatteristiċi. Billi d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi⁽¹⁾ tippermetti l-applikazzjoni ta' żewġ kriterji biss li fuqhom jintrebħu l-kuntratti: "l-irħas prezz" u "l-iżjed offerta ekonomikament vantaġġjuża", il-kuntratt kważi awtomatikament kellu jingħata lill-produttur Ċiniż li qed jagħmel id-dumping. L-offerti tal-produttur Ċiniż ma kenux jibqgħu ekonomikament vantaġġjużi kieku ma kenux l-oġġett ta' dumping, jiġifieri kieku għall-inqas kienu iżjed għoljin biex jirriflettu l-karatteristiċi addizzjonali.
- (114) Fl-aħħar nett jeħtieġ li niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-investigazzjoni wriet li l-kwerelant kien issodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha fis-sejħiet għall-offerti li fihom kemm il-kwerelant kif ukoll il-produttur Ċiniż tefgħu offerta taħt l-istess kundizzjonijiet.

L-allegazzjoni ta' prezzijiet oġhla minn dawk tal-kwerelant

- (115) Il-produttur Ċiniż afferma wkoll li kien hemm każi fejn intlaħqu l-offerti tal-produttur Ċiniż minkejja l-fatt li l-prezz li dan kien qed jitlob kien oġhla minn dak tal-kwerelant. Għaldaqstant, tranżazzjonijiet bħal dawn imesshom jitqiesu li ma kenux kawża ta' ħsara.
- (116) F'dan ir-rigward ta' min wieħed jinnota li l-investigazzjoni stabbiliet li jeżisti każ wieħed biss ta' proċess ta' sejħa għall-offerti fejn mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-uniku produttur Ċiniż rebaħ kuntratt minkejja l-fatt li kien offra prezz iżjed għoli minn dak tal-kwerelant. Iżda l-investigazzjoni wriet li dan ma kienx minnu fir-realtà għaliex l-offerta li għamlet il-kumpanija Ċiniża inkludiet ħafna karatteristiċi addizzjonali għall-istess prezz. Kieku kellhom isiru l-aġġustamenti għal dawn il-karatteristiċi addizzjonali kollha, il-prezz tal-esportazzjoni kien ikun irħas u b'konsegwenza l-marġni tad-dumping kien ikun oġhla. Ma tressqet l-ebda informazzjoni oħra verifikabbli biex issostni l-argument li kien hemm offerti oħra fejn il-kumpanija Ċiniża offriet prezz oġhla minn tal-kwerelant.

Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-produttur l-ieħor tal-Unjoni

- (117) Il-produttur Ċiniż ressaq li l-produttur l-ieħor tal-Unjoni kien għamel prezzijiet predatorji u b'hekk ikkawża ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni, u li din il-parti m'għandhiex ħsara minħabba l-importazzjonijiet miċ-Ċina billi hi temmet il-kooperazzjoni attiva tagħha.
- (118) L-ewwel nett, ta' min ifakkar li l-produttur l-ieħor tal-Unjoni pprova l-informazzjoni dwar dan il-proċediment u l-analiżi tal-ħsara hija stmata għall-industrija sħiħa tal-Unjoni. Barra minn hekk, jixraq li wieħed jinnota li l-asserzjonijiet tal-produttur Ċiniż dwar l-ipprezzar predatorju mhumiex sostnuti minn ebda prova fattwali u ma jistgħux idgħajjfu s-sejbiet tal-investigazzjoni kif ippreżentati fil-premessa (89) tar-Regolament provviżorju.

3. Il-konklużjoni dwar il-kawżalità

- (119) Billi m'hemm l-ebda kumment ieħor, il-premessi (81) sa (95) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (105) sa (118) hawn fuq, huma b'dan ikkonfermati.
- (120) Fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, id-deċiżjoni provviżorja li l-ħsara materjali għall-industrija tal-Unjoni kienet ikkawżata minn importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping hija kkonfermata.

7. L-INTERESSI TAL-UNJONI

1. L-interessi tal-utenti

- (121) Żewġ utenti li kienu diġà baġtu r-rappreżentazzjonijiet fl-istadju provviżorju baqgħu jsostnu dak li qalu fil-kummenti oriġinali tagħhom. Huma enfasizzaw il-ħsibijiet tagħhom dwar il-kompetizzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi jekk jiġu imposti miżuri definittivi. Iżda t-tħassib tagħhom ġie indirizzat fir-Regolament provviżorju u ma ġie ppreżentat xejn għid li seta' jikkonferma li l-kompetizzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi jistgħu jġarrbu l-ħsara, għall-inqas mhux fuq medda ta' żmien qasira għal medja, mill-impożizzjoni ta' dazju definittiv.

2. Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni

- (122) Iż-żewġ rappreżentazzjonijiet ta' hawn fuq ma biddlux il-konklużjonijiet provviżorji. Billi m'hemm l-ebda kumment ieħor, il-premessi (96) sa (113) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

8. IL-MIŻURI DEFINITTIVI TAL-ANTIDUMPING

1. Il-livell tat-tneħħija tal-ħsara

- (123) Il-produttur Ċiniż ressaq il-kummenti tiegħu dwar il-kalkolu ta' bejgħ bi prezz imnaqqas. Fejn kien meħtieġ saru l-aġġustamenti fl-istadju definittiv.

(1) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

(124) Il-produttur Ċiniż ressaq talba marbuta mal-marġni tal-*ħsara* li kienet tixbah lil dik imniżżla fil-premessa (51) ta' dan ir-Regolament. Din it-talba kellha tinċaħad rifjutata għall-istess raġunijiet imsemmija fil-premessa (51).

minn dan ir-Regolament preżenti. Billi d-dazju definittiv huwa anqas mid-dazju provviżorju, l-ammonti miġbura li huma aktar mir-rata definittiva tad-dazju għandhom jinħelsu.

(125) Il-produttur Ċiniż talab ukoll il-kjarifiki dwar il-metodu użat biex jiġi ffixxat il-marġni ta' profitt ta' qabel it-taxxa, u b'mod partikolari, għal liema sena jirreferi dan il-marġni. F'dan ir-rigward, huwa nnotat li l-fissazzjoni tal-profitti ta' qabel it-taxxa inkisbet b'riżultat ta' analiżi tad-dejta dwar is-snin finanzjarji 2006 u 2007.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(126) Bil-kalkoli magħmulin fuq il-marġni tad-dumping definittiv u fuq il-livell tat-tneħħija tal-*ħsara* rriżulta li dan tat-tieni ġie iżjed baxx minn tal-ewwel. Billi m'hemm l-ebda kumment ieħor, il-premessi (114) sa (117) tar-Regolament provviżorju, kif immodifikati fil-premessi (123) sa (126) ta' dan ir-Regolament, huma b'dan ikkonfermati.

1. B'dan qed jiġi impost dazju definittiv tal-antidumping fuq sistemi għall-iskannjar tal-merkanzija, ibbażati fuq l-użu ta' teknoloġija tan-newtron jew ibbażati fuq l-użu ta' raġġi X b'sors ta' raġġi X ta' 250 KeV jew aktar jew ibbażati fuq l-użu ta' radjazzjonijiet gamma, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 (kodiċijiet TARIC 9022 19 00 10, 9022 29 00 10, 9027 80 17 10 u 9030 10 00 91) u l-vetturi bil-mutur mgħammra b'dawn is-sistemi li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8705 90 90 (kodiċi TARIC 8705 90 90 10) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Il-miżuri definittivi

(127) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa dwar id-dumping, il-*ħsara*, il-kawżalità u l-interessi tal-Unjoni, u b'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dazju antidumping definittiv għandu jiġi impost fil-livell tal-marġnijiet l-aktar baxxi ta' dumping u ta' *ħsara* misjuba, skont ir-regola ta' inqas dazju. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha tkun stabbilita kif xieraq fil-livell tal-*ħsara* li nstab. Dan ġie kkalkulat għal 34 %, waqgħa sinifikanti mill-istadju provviżorju, meta r-rata tad-dazju ġiet iffissata fil-livell tad-dumping li nstab.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv tal-antidumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 34 %.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

(128) Fuq din il-bażi, ir-rata tad-dazju definittiv antidumping għar-RPĊ hija ta' 34 %.

(129) Konformi mal-premessa (120) tar-Regolament provviżorju, biex ikun hemm sorveljanza attenta għall-effikaċja tal-miżuri, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri huma mitluba li jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali u perjodika, l-informazzjoni dwar il-proċeduri tas-sejthiet pubbliċi għall-offerti tal-UE li jwassal għall-bejgħ ta' sistemi tal-iskannjar tal-merkanzija.

L-ammonti li jinġabru permezz tad-dazju provviżorju tal-antidumping skont ir-Regolament (UE) Nru 1242/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija, ibbażati fuq l-użu ta' teknoloġija neutron jew ibbażati fuq l-użu ta' raġġi X b'sors ta' raġġi X ta' 250 KeV jew aktar jew ibbażati fuq l-użu tar-radjazzjoni gamma, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 (kodiċijiet TARIC 9022 19 00 10, 9022 29 00 10, 9027 80 17 10 u 9030 10 00 91) u l-vetturi bil-mutur mgħammra b'dawn is-sistemi li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8705 90 90 (kodiċi TARIC 8705 90 90 10) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jinġabru definittivament bir-rata tad-dazju definittiv imposta skont l-Artikolu 1. L-ammonti miġbura li huma aktar mir-rati tad-dazju definittiv tal-antidumping għandhom jinħelsu.

9. IL-ĠBIR DEFINITTIV TAD-DAZJU PROVVIŻORJU

(130) Fid-dawl tal-wisa' tal-marġni ta' dumping misjub u minħabba l-livell tal-*ħsara* kkaġunata lill-industrija tal-Unjoni, jitqies li hu meħtieġ li l-ammonti miġbura permezz tad-dazju tal-antidumping provviżorju impost mir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-limitu tad-dazju impost definittivament

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 511/2010

tal-14 ta' Ġunju 2010

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri provviżorji

- (1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1247/2009 ("ir-Regolament provviżorju") ⁽²⁾ imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. ("ir-RPĊ" jew il-"pajjiż ikkonċernat").
- (2) Il-proċediment inbeda wara li tressaq ilment mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Metalli (EUROMETAUX) ("il-kwewerlant") fisem produttur li jirrappreżenta proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' ċerti wajers tal-molibdenu.
- (3) Kif stipulat fil-premessa 13 tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu minn Marzu 2005 sa tmiem il-PI (il-"perjodu meqjus").

1.2. Il-proċedura sussegwenti

- (4) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom kien deċiż li jkunu imposti miżuri provviżorji antidumping ("l-iżvelar provviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressqu preżentazzjonijiet bil-miktub

biex juru l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu, ingħataw l-opportunità. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet provviżorji ġew immodifikati skont dan.

- (5) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tkun rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw fir-RPĊ u l-ġbir definittiv tal-ammonti miksuba permezz tad-dazju provviżorju ("żvelar finali"). Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu l-appelli wara li dan ġie żvelat.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

- (6) Fin-nuqqas ta' xi kummenti dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-premessi (14) sa (17) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. DUMPING

3.1. Trattament ta' Ekonomija tas-Suq (TES) – Trattament Indivdwali (TI)

- (7) Minħabba li ma kien hemm l-ebda kummenti dwar is-sejbiet tat-TES u t-TI, il-premessi (18) sa (23) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.2. Valur normali

- (8) Wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji, il-produttur esportatur li kkoopera kkontesta l-użu tal-prezzijiet ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti lil pajjiżi oħra (inkluża l-Unjoni) bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali għar-RPĊ. Minflok, ġie propost li jintuża l-prezz li propju tħallas jew huwa pagabbli lill-Unjoni għal prodott simili, għaliex tqies li l-valur normali ddeterminat fuq dan il-bażi jagħti marġini tad-dumping iktar baxx għar-RPĊ.

- (9) L-istess produttur talab li l-valur normali għandu jiġi aġġustat 'l isfel sabiex iqis l-effiċjenzi li jgawdi bħala l-produttur integrat vertikament meta mqabbel mal-kwewerlent jew mal-produttur tal-pajjiż analogu li m'għandhomx faċilitajiet ta' minjieri għall-materjal tal-materja prima ewlenija, il-mineral tal-molibdenu.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 336, 18.12.2009, p. 16.

(10) Fir-rigward tal-ewwel talba għe nnutat li l-użu tal-prezzijiet mħallsa jew pagabbli fl-Unjoni huwa għażla prevista fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku li jrid jintuża biss meta l-għażliet l-oħra previsti fl-istess Artikolu ma jistgħux jiġu applikati. Minħabba li din il-kooperazzjoni fil-proċediment inkisbet minn produttur ta' pajjiż terz, u għalhekk kien possibbli li tintuża l-għażla ta' prezz mill-ekonomija tas-suq ta' pajjiż terz lejn pajjiżi oħra, mhemm ebda ġustifikazzjoni legali biex tapplika l-għażla residwa tal-Artikolu 2(7)(a). It-talba kienet għalhekk irrifjutata.

(11) Dwar it-tieni talba ta' min jinnota li l-produttur li kkoopera ma pprova ebda evidenza biex juri li l-livell ta' produtturi huwa fattur li jaffettwa l-prezzijiet u l-kompatibilità tal-prezzijiet. It-talba għet għalhekk irrifjutata.

(12) Ċerti partijiet ikkuntestaw l-għażla tal-pajjiż produttur analogu minħabba l-fatt li din il-kumpanija fl-Istati Uniti hija kumpanija dipendenti tal-kwerelant. F'dan ir-rigward ta' min jinnota l-fatt li kumpanija fil-pajjiż analogu propost hija kumpanija relatata tal-kwerelant ma pprekludix li l-informazzjoni miksuba kienet affidabbli u li tista' tiġi vverifikata.

(13) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-valur normali, li jbiddu s-sejbiet provviżorji, il-premessi (24) sa (25) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3.3. Prezz tal-esportazzjoni

(14) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-prodott simili, il-premessa (26) tar-Regolament provviżorju hija hawnhekk ikkonfermata.

3.4. Tqabbil

(15) Għe nnutat li l-aġġustament tat-tassazzjoni indiretta msemmija fil-premessa (27) tar-Regolament provviżorju huwa ta' 5 % u jirrappreżenta d-differenza bejn il-VAT pagabbli fuq il-bejgħ domestiku u dak pagabbli fuq it-tranżazzjonijiet tal-bejgħ tal-esportazzjoni waqt li titqies ir-rifużjoni tal-VAT fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni. Il-produttur esportatur li kkoopera kkuntesta l-mod kif dan l-aġġustament għe applikat u ddikjara li jrid ikun ikkalkulat bħala fattur li jnaqqas il-prezz ta' esportazzjoni.

(16) Fir-rigward ta' din it-talba, għe nnutat li l-aġġustament kien ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku li jipprovdi għal aġġustament għall-valur normali għall-ħlasijiet fuq l-importazzjoni u t-taxxi indiretti – kategorija li tinkludi l-VAT. Fuq din il-bażi, l-asserzjoni ma ntlaghetx.

(17) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-paragun, li jbiddu s-sejbiet provviżorji, il-premessa (27) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

3.5. Il-marġini tad-dumping

(18) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni dwar id-dumping, kif stabbilita fil-premessi (28) sa (29) tar-Regolament provviżorju, b'68,4 % mal-pajjiż kollu, hija b'dan ikkonfermata.

4. ĦSARA

4.1. Produzzjoni tal-Unjoni

(19) Ta' min jiftakar li sabieħ titħares l-informazzjoni kunfidenzjali tan-negozji ta' dak il-produttur, iċ-ċifri kollha relatati ma' dejta sensitiva mogħtija hawn taħt ġew indikjati jew ingħataw f'firxa.

(20) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-produzzjoni tal-Unjoni, il-premessi minn (30) sa (31) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4.2. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(21) Fin-nuqqas ta' kummenti u sejbiet ġodda fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-premessa (32) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

(22) Fir-rigward tal-premessa (33) tar-Regolament provviżorju, għe nnutat li abbażi tal-kummenti li waslu minn parti interessata instab żball klerikali. Is-sena fiskali ("FY") 2005 tal-produttur tal-Unjoni ikopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 2005 sat-28 ta' Frar 2006 u mhux il-perjodu mill-1 ta' Marzu 2004 sat-28 ta' Frar 2005 kif indikat f'dik il-premessa. Għalhekk, il-punt ta' bidu tal-valutazzjoni tad-dannu effettivament kien Marzu 2005.

4.3. Il-konsum fl-Unjoni

(23) Huwa mfakkar li l-konsum tal-Unjoni kien stabbilit billi ngħaddew flimkien il-volum totali tal-bejgħ tal-produtturi fl-Unjoni u l-importazzjonijiet kollha minn pajjiżi terzi miġbura mill-Eurostat. Ta' min jiftakar ukoll li minħabba li l-kodiċi NM li taħtu l-prodott ikkonċernat huwa ddikjarat jinkludi wkoll prodotti oħra li jaqgħu barra l-ambitu ta' din l-investigazzjoni u minħabba li mhemmx statistiċi speċifiċi ta' importazzjoni disponibbli biss għall-prodott ikkonċernat, id-dejta tal-Eurostat għet aġġustata skont il-metodu ssuġġerit fl-ilment. Din il-metodoloġija hija bbażata fuq il-paragun tal-valuri tal-importazzjoni mir-RPĊ bil-valuri tal-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni.

- (24) Madankollu, fl-istadju provviżorju, id-dejta ta' importazzjoni użata kkorrispondiet għas-snin kalendarji filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-produtturi magħrufa kienu bbażati fuq is-snin fiskali. Parti waħda kkontestat din id-diskrepanza fil-perjodu użat għad-determinazzjoni tal-konsum u talbet li l-importazzjonijiet għandhom jiġu bbażati wkoll fuq is-snin fiskali.
- (25) It-talba tqieset li kienet waħda valida u, għalhekk, id-dejta tal-Eurostat għet aġġustata biex tikkorrispondi mal-istess perjodi, prinċipalment is-snin fiskali. B'riżultat ta' dan, iċ-ċifri tal-konsum tal-Unjoni mogħtija fit-tabella 1 tar-Regolament provviżorju ġew aġġustati kif ġej: il-figuri ġodda kienu kif previst fit-Tabella 1 fit-tabella li ġejja:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni	2005	2006	2007	2008	PI
Tunnellati	403	396	430	396	358
<i>Indiċi 2005 = 100</i>	100	98	107	98	89

- (26) Kollox ma' kollox, il-konsum tal-Unjoni tal-wajers tal-molibdenu naqsu bi 11 % tul il-perjodu kkunsidrat. Id-domanda naqset ftit bi 2 % fl-2006 u telgħet b'9 % fl-2007 u wara dan niżlet fl-2008 u fil-PI, minħabba l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika.

4.4. L-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea mir-RPĊ

4.4.1. Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

- (27) Wara li ġie aċċettat l-argument imsemmi fil-premessa (25) ta' hawn fuq, it-tabella hawn taħt turi l-volumi totali ta' importazzjoni, l-ishma tas-suq u l-prezzijiet tal-wajers tal-molibdenu fis-suq tal-Unjoni waqt il-perjodu meqjus. Ġie nnutat li din ir-reviżjoni ma affettwatx il-volumi ta' importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat fil-PI.

Tabella 2

L-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ	2005	2006	2007	2008	PI
Tunnellati	42	56	87	100	97
<i>Indiċi 2005 = 100</i>	100	133	207	238	231
Sehem fis-suq <i>Indiċi 2005 = 100</i>	100	136	194	243	261
Il-prezzijiet (EUR/tunnellata metrika) <i>Indiċi</i>	53 202 100	62 198 117	56 046 105	51 512 97	50 892 96

Sors: Eurostat u dejta tal-ilment.

- (28) Iċ-ċifri riveduti fit-Tabella 2 juru li kollox ma' kollox it-tendenzi tal-volumi ta' importazzjoni u l-ishma tas-suq mill-pajjiż ikkonċernat ippreżentati fit-tabella tal-premessa (36) tar-Regolament provviżorju baqgħu ma nbidlux. L-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ żdiedu b'mod sinifikanti minn 42 tunnellata metrika fl-2005 għal 100 tunnellata metrika fl-2008, jiġifieri b'aktar minn darbtejn. Wara l-livell massimu li ntlaħaq fl-2008, dawn l-importazzjonijiet naqsu fil-PI b'mod konformi mal-evoluzzjoni tal-konsum tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sehem tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping żdiedu b'aktar mid-doppju fuq il-perjodu meqjus.
- (29) Iċ-ċifri riveduti li jikkonċernaw il-prezzijiet ta' importazzjoni, madankollu issa juru tendenza ta' tnaqqis bejn l-2005 u l-PI. Instab li tul il-perjodu meqjus il-prezzijiet medji ta' importazzjoni mir-RPĊ naqsu b'4 %.

4.4.2. *It-tqaċċit tal-prezzijiet*

- (30) Fin-nuqqas ta' xi kummenti dwar l-importaturi dwar it-tqaċċit tal-prezzijiet, il-premessi (39) u (40) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

- (32) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessi (41) sa (43) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4.5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

- (31) Ta' min jiftakar li, kif inhu msemmi fl-Artikolu (41) tar-Regolament provviżorju, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha għal evalwazzjoni tal-istat tal-industrija tal-Unjoni minn Marzu 2005 sal-aħħar tal-PI.

- (33) Sussegwentement għar-Regolament provviżorju u wara revizzjoni żgħira li saret lill-konsum tal-Unjoni fit-Tabella 1, is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni ġie irredut kif ġej, filwaqt li l-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet medji tal-bejgħ baqgħu ma nbidlux:

Tabella 3

	2005	2006	2007	2008	PI
Volum ta' bejgħ fl-Indiċi tas-suq tal-Unjoni Indiċi	100	99	92	75	68
Sehem tas-suq Indiċi	100	101	86	76	77
tal-prezzijiet medji tal-bejgħ Indiċi	100	86	96	95	92

- (34) Kif imsemmi fil-premessa (45) tar-Regolament provviżorju, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-konsumaturi indipendenti fis-suq tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti ta' 32 % tul il-perjodu meqjus. Dan it-tnaqqis sinifikanti qabeż it-tnaqqis fil-konsum li kif intwera' fit-tabella 2 naqas bi 11 % fuq l-istess perjodu. Dan irriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' 23 % fis-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-istess perjodu.

- (38) Ta' min jiftakar li d-deterjorament fil-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni seħħ fl-istess żmien taż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping. Sussegwentement għall-miżuri provviżorji u wara r-reviżjonijiet għaċ-ċifri ta' importazzjoni ġejjin mir-RPĊ kif previst fil-premessa (25), il-volum importat u s-sehem fis-suq tal-esportaturi Ċiniżi żdied b'aktar mid-doppju bejn l-2005 u l-PI.

- (35) Fl-assenza ta' ebda kummenti fir-rigward tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-bejgħ, l-istokkijiet, l-impieg, u l-indikaturi tal-andament finanzjarju tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet provviżorji kif imsemmi fil-premessi (46) sa (57) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

- (39) B'riżultat tar-reviżjonijiet, il-prezzijiet ta' importazzjoni tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping naqsu b'4 % tul il-perjodu meqjus, filwaqt li baqgħu konsistentement taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, bi prezzijiet minn bejn it-30 % sal-35 % inqas waqt il-PI. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tiffaċċja pressjoni mill-esportaturi Ċiniżi fuq bażi kontinwa biex baqgħet kompetittiva fis-suq tal-Unjoni.

- (36) Il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet danni materjali, kif spjegat fil-premessi (58) sa (61) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata wkoll.

5. **KAWŻALITÀ**5.1. **L-effett tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping**

- (37) Skont l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, fl-istadju provviżorju ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni sa punt li jista' jiġi kklassifikat bħala materjali.

- (40) Parti interessata kkontestat l-eżistenza tar-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu materjali li batiet l-industrija tal-Unjoni. Hija affermat li mhemmx korrelazzjoni bejn il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni u l-qabża fl-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping. Hi saħqet li filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'mod sinifikanti fl-2007 f'relazzjoni mal-perjodi ta' qabel, l-industrija tal-Unjoni resqet minn qagħda ta' telf għal waħda ta' profitt f'dik is-sena.

(41) F'dan ir-rigward, l-ewwel nett ġie innutat li, bejn l-2005 u l-PI, filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu b'iżjed mid-doppju, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti bi 32 % li wassal għal tnaqqis fis-sehem tas-suq bi 33 % tul l-istess perjodu. Fl-istess waqt, l-indikaturi l-oħra kollha tal-ħsara, bħall-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, l-investimenti, il-profitabilità u l-fluss tal-flus kontanti wrew tendenzi ta' tnaqqis sinifikanti tul dak il-perjodu. It-tieni, l-investigazzjoni wriet li l-andament dgħajef tal-industrija tal-Unjoni kien marbut mat-tnaqqis fil-prezzijiet fit-tentattiv li jinkisbu lura klijenti importanti li ntilfu lill-esportaturi Ċiniżi. Fir-rigward tal-2007, l-industrija tal-Unjoni kompliet tipprova tikseb lura l-konsumaturi tagħha bi sforzi ta' razjonalizzazzjoni sabiex iżżomm il-prezzijiet tax-xiri baxxi u tibqa' kompetittiva mal-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping. Skont dan, huwa meqjus li l-konklużjonijiet li saru fil-premessi (63) sa (66) tar-Regolament provviżorju huma validi u għalhekk din id-dikjarazzjoni kellha tiġi rrifjutata.

(42) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' għalhekk jiġi kkonfermat li l-importazzjonijiet bi prezz baxx li kienu oġġett ta' dumping mir-RPĊ kellhom impatt negattiv konsiderevoli fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

5.2. L-effett ta' fatturi oħra

(43) Ta' min jiftakar li l-fatturi l-oħra kienu eżaminati wkoll fl-analiżi ta' kawżalità, tipikament fl-iżvilupp tad-domanda, l-evoluzzjoni tal-ispejjeż tal-industrija tal-Unjoni, l-andament tal-esportazzjoni u finalment l-impatt possibbli tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra.

(44) Parti interessata ddikjarat li d-dannu materjali li batiet l-industrija tal-Unjoni ġie kkawżat minn fatturi oħra barra l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping, prinċipalment minn i) it-tnaqqis fid-domanda minħabba l-kriżi ekonomika u minħabba l-bidliet fit-teknoloġija, u ii) l-andament tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(45) Fir-rigward tat-tnaqqis tal-konsum ġie nnutat li l-volumi tal-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni naqsu konsiderevolment iktar (-32 %) mit-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni (-11 %, li wassal għal tnaqqis fis-sehem tas-suq ta' 33 %. Fl-istess waqt, is-sehem tas-suq tal-esportaturi Ċiniżi żdied b'mod sinifikanti b'iktar minn darbejn. Għaldaqstant, jitqies li l-konklużjoni li saret fil-premessa (69) tar-Regolament provviżorju tista' tiġi kkonfermata u għalhekk din id-dikjarazzjoni kellha tiġi miċħuda.

(46) Fir-rigward tal-andament tal-esportazzjoni, tabilħaqq kien hemm tendenza ta' tnaqqis fil-bejgħ għall-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni għar-raġunijiet previsti fil-premessa (72) tar-Regolament provviżorju (jiġifieri b'konformità mal-qagħda negattiva madwar id-dinja fis-settur tal-karozzi sa mill-2008). L-investigazzjoni wriet madankollu, li l-bejgħ ta' esportazzjoni ma kienx il-kummerċ

ewlieni tal-industrija tal-Unjoni għax dak il-bejgħ qatt ma qabeż is-17 % tal-bejgħ tal-Unjoni tul il-perjodu meqjus. Ta' iktar importanza minn dan, madankollu, barra mill-premessi (71) u (72) tar-Regolament provviżorju, ġie nnutat li l-prezzijiet ta' esportazzjoni tagħha fis-suq ta' esportazzjoni baqgħu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ ġewwa l-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe impatt negattiv ikkawżat mit-tnaqqis fil-volumi ta' bejgħ ta' esportazzjoni huwa meqjus limitat ħafna. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni kellha tiġi miċħuda.

(47) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (67) sa (80) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6. L-INTERESS TAL-UNJONI

6.1. L-Interess tal-industrija tal-Unjoni

(48) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet provviżorji kif inhuma proposti fil-premessi (83) sa (86) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6.2. L-interess tal-importaturi, il-kummerċjanti u l-utenti fl-Unjoni

(49) Ta' min jiftakar li minkejja l-fatt li għadd ta' partijiet ġew ikkuntattjati, il-livell ta' kooperazzjoni mal-investigazzjoni fl-istadju provviżorju ta' importaturi, kummerċjanti u utenti kien baxx ħafna. Ta' min jiftakar li kummerċjant wieħed biss, li jinsab fil-Ġermanja, u utent wieħed, li jinsab fl-Italja, ikkooperaw bis-sħiħ fl-istadju provviżorju.

(50) L-utent li kkoopera saħaq li l-impatt negattiv tal-miżuri antidumping fuq n-negozju tiegħu ġie sstovalutat fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni li sar fl-istadju provviżorju, u ddikjara li fil-fatt jista' jsib diffikultàbiex jgħaddi ż-żieda fil-prezz lill-konsumaturi tiegħu.

(51) Qed jifakkar li s-sehem tan-negozju fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-kontijiet tal-attività ta' dan l-utent jammonta għal bejn il-15 sal-25 % tal-attività totali tan-negozju tiegħu. L-analiżi iktar fil-fond li saret wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kkonfermat li l-impatt fuq il-profit totali tal-kumpanija se jkun limitat. Dan l-utent għandu pożizzjoni b'saħħitha fis-settur tan-negozju li jinvolvi l-prodott ikkonċernat, b'mod partikolari f'termini ta' affidabilità u sigurtà ta' provvista lejn il-konsumaturi tiegħu. Dan l-element jindika li dan l-utent x'aktarx li jkun jista' jgħaddi għallinqas parti miż-żieda fil-prezz tax-xiri lill-konsumaturi tiegħu. Fuq il-bażi ta' dan, l-asserzjoni ma setgħetx tintlaqa'.

(52) B'segwitu għall-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, iż-żewġ utenti u importatur wieħed ippreżentaw rwieħhom u ddikjaraw li l-attivitàjiet tagħhom se jiġu affettwati b'mod negattiv bl-impożizzjoni tad-dazju tal-antidumping.

- (53) Skont id-dejta sottomessa minn wieħed minn dawn iż-żewġ utenti, is-settur tan-negozju li jinkludi l-wajer tal-molibdenu jirrappreżenta bejn l-10 u l-20 % tal-attività totali tiegħu. Fuq il-bażi tal-elementi pprovduti, hemm indikazzjonijiet li, filwaqt li l-impożizzjoni tad-dazju tal-antidumping x'aktarx li jkollu impatt negattiv min-naħa tal-attività li tinkorpora l-wajer tal-molibdenu, dan l-utent għandu xorta waħda jagħmel profit. Fir-rigward tal-utent l-ieħor, ma ingħatat l-ebda dejta li tista' ssostni d-dikjarazzjoni tiegħu.
- (54) Fir-rigward tal-importatur, huwa nnutat li huwa pprova biss dejta bażika ġenerali skont liema deher li l-importazzjonijiet tal-wajer tal-molibdenu mir-RPĊ jammontaw għal bejn 10 u 20 % tal-importazzjonijiet totali mir-RPĊ waqt il-PI. F'termini tas-sehem mill-kummerċ tal-molibdenu f'relazzjoni mal-kummerċ totali tal-kumpanija – dan jammonta għal inqas minn 7 %. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli jista' għalhekk, jiġi konkluż li waqt li l-miżuri tal-antidumping jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-settur tan-negozju li jinkludi l-wajer tal-molibdenu, l-impatt globali fuq in-negozju totali tal-kumpanija se jkun limitat.
- (55) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-premessi (93) sa (96) tas-sejbiet u l-konklużjoni tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6.3. L-effetti li jfixklu l-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (56) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, xi partijiet ippreżentaw rwieħhom u ddikjaraw li l-miżuri ta' antidumping jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni limitata fis-suq tal-Unjoni.
- (57) Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni, għandu jerġa jnsahaq li billi d-dazji tal-antidumping jistgħu jstabilixxu mill-ġdid ambjent ekwu, l-importazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx li jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni, għalkemm bi prezzijiet li ma jikkawżawx dannu. Barra minn hekk, ta' min jiftakar li jeżistu xi sorsi alternattivi ta' provvista. Ma ngħatat l-ebda evidenza sostanzjata li tinvalida din il-konklużjoni u għalhekk il-konklużjonijiet li saru fil-premessi (97) sa (99) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (58) Skont dan ta' hawn fuq, wieħed jikkonferma li ma hemm ebda raġuni konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu li joriġina fir-RPĊ fil-każ preżenti.

7. IL-MIŻURI DEFINITTIVI ANTIDUMPING

7.1. Il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

- (59) Fin-nuqqas ta' kummenti ssostanzjati li jistgħu jibdlu l-konklużjoni dwar il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara, il-

premessi minn (101) sa (104) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

7.2. Miżuri definittivi

- (60) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju antidumping definittiv f'livell għoli biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mingħajr ma jinqabeż il-marġini ta' dumping misjub. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha għaldaqstant tkun stabbilita fuq il-livell tal-marġini tal-ħsara misjub, jiġifieri 64,3 %.
- (61) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm ħsieb li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi antidumping. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu l-appelli wara li dan ġie żvelat. Il-kummenti mressqa mill-partijiet tqiesu sewwa, u fejn xieraq, is-sejbiet inbidlu skont dan.

7.3. Impenji

- (62) Il-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera esprima r-rieda tiegħu li joffri impenn fuq il-prezzijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.
- (63) Madankollu, din il-kumpanija ma ngħatatx la TES u lanqas IT, u hija b'mod ġenerali, il-prassi tal-Kummissjoni li ma taċċetta impenji f'każ bħal dan, minħabba li l-ebda determinazzjoni individwali tal-marġini tad-dazju ma setgħet tiġi stabbilita. Fuq il-bażi ta' dan, l-impenji tal-prezzijiet ma setgħux jitqiesu aktar.

7.4. Il-ġbir definittiv tad-dazji provviżorji

- (64) Minħabba l-kobor tal-marġini ta' dumping misjub u fid-dawl tal-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Unjoni, jitqies li hu meħtieġ li l-ammonti assigurati bis-saħħa tad-dazju antidumping provviżorju impost bir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru definittivament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni ta' profil trasversali massimu li taqbeż il-1,35 mm imma ma taqbiżx l-4,0 mm, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fil-preżent ikklassifikat bil-kodiċi NM ex 8102 96 00 (il-kodiċi TARIC 8102 96 00 10).

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 64,3 %.
3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

Artikolu 2

L-ammonti assigurati mid-dazji antidumping provviżorji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1247/2009 fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni ta' profil trasversali massimu li taqbeż il-1,35 mm iżda ma taqbiżx l-4,0 mm, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li fil-preżent huwa kklassifikati bil-kodiċi NM ex 8102 96 00 (il-kodiċi TARIC 8102 96 00 10), se jinġabru definittivament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 512/2010

tal-14 ta' Ġunju 2010

li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġina fl-Ukraina wara revizzjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROCĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

- (1) Fit-22 ta' Jannar 2001, il-Kunsill impona, bir-Regolament (KE) Nru 132/2001 ⁽³⁾, dazju antidumping definittiv ("il-miżuri eżistenti") ta' EUR 33,25 kull tunnellata fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju ("NA") li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġina, *inter alia*, fl-Ukraina. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri ser tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".
- (2) Fis-17 ta' Mejju 2004, wara revizzjoni interim parzjali, permezz tar-Regolament (KE) Nru 993/2004 ⁽⁴⁾, il-Kunsill eżenta mid-dazji antidumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 132/2001 l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tan-NA mmanifatturat mill-kumpaniji li mingħandhom ġew aċċettati impenji mill-Kummissjoni. Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1001/2004 ⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar permzz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2004 ⁽⁶⁾, kienu aċċettati impenji għal perjodu sal-20 ta' Mejju 2005. L-iskop ta' dawn l-impenji kien biex jittieħdu inkunsiderazzjoni ċerti konsegwenzi tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea għal 25 Stat Membru.
- (3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 945/2005 ⁽⁷⁾, wara revizzjoni interim limitata fl-ambitu għad-definizzjoni

tal-prodott ikkonċernat, il-Kunsill iddeċieda li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat għandha tkun iċċarata u li l-miżuri fis-seħħ għandhom japplikaw għall-prodott ikkonċernat meta jkun inkorporat ffertilizzanti oħra, fi proporzjon għall-kontenut tagħhom ta' nitrat tal-ammonju, flimkien ma' sustanzi u nutrijenti marġinali oħra.

- (4) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 442/2007 ⁽⁸⁾, wara revizzjoni ta' skadenza, il-Kunsill iddeċieda li jtawwal il-miżuri eżistenti għal perjodu ta' sentejn, kif iċċarat permezz tar-Regolament (KE) Nru 945/2007.
- (5) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 661/2008 ⁽⁹⁾, wara revizzjoni ta' skadenza, il-Kunsill impona miżuri antidumping definittivi fuq importazzjonijiet tan-NA li joriġinaw fir-Russja.
- (6) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 662/2008 ⁽¹⁰⁾, il-Kunsill emenda r-Regolament (KE) Nru 442/2007 billi aċċetta impenn għall-prezz offrut minn produttur esportatur wieħed.
- (7) Fit-22 ta' Jannar 2009, tressqet talba għal revizzjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti fis-17 ta' Ottubru 2008 ⁽¹¹⁾. Din it-talba tressqet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fabbrikanti tal-Fertilizzanti (EFMA) ("l-applikant") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon maġġuri, f'dan il-każ aktar minn 50 %, tal-produtturi totali tal-Unjoni tan-NA.
- (8) L-applikant allega u ta biżżejjed evidenza prima facie li hemm probabilità ta' rikorrenza ta' dumping u ta' ħsara lill-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet tan-NA li joriġina fl-Ukraina ("il-pajjiż ikkonċernat").
- (9) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex titnieda revizzjoni tal-iskadenza, fit-23 ta' April 2009 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ta' inizjazzjoni ppubblikat fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽¹²⁾, it-tnedija ta' revizzjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 23, 25.1.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 182, 19.5.2004, p. 28.

⁽⁵⁾ ĠU L 183, 20.5.2004, p. 13.

⁽⁶⁾ ĠU L 344, 20.11.2004, p. 24.

⁽⁷⁾ ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 106, 24.4.2007, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 185, 12.7.2008, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 185, 12.7.2008, p. 35.

⁽¹¹⁾ ĠU C 264, 17.10.2008, p. 16.

⁽¹²⁾ ĠU C 94, 23.4.2009, p. 15.

3. L-investigazzjoni

3.1. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(10) L-investigazzjoni tal-issuktat jew ir-rikorrenza ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 ("perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "PIR"). L-analiżi tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabilit ta' ssuktat jew rikorrenza ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-2005 sal-aħħar tal-PIR ("il-perjodu meqjus").

3.2. Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(11) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-produtturi esportaturi, l-importaturi u l-utenti magħrufa li huma kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni, l-applikant u l-produtturi tal-Unjoni dwar it-tnedija tar-reviżjoni ta' skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jgħarrfu l-perspettivi tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż ta' tnedija.

(12) Il-partijiet interessati kollha, li talbu biex jinstemgħu u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għal dan, ingħataw seduta ta' smigħ.

(13) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni u ta' importaturi tal-Unjoni, tqies li jkun xieraq, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi analizzat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjun. Biex jippermetti lill-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk it-teħid tal-kampjun huwiex tassew meħtieġ, u jekk dan ikun il-każ, biex jintgħażel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw lilhom infushom fi żmien 15-il jum mit-tnedija tal-avviż ta' inizjazzjoni.

(14) Wara analiżi tal-informazzjoni mressqa, u fid-dawl li tna-x-il produttur tal-Unjoni indikaw ir-rieda tagħhom li jikkooperaw, ġie deċiż li t-teħid tal-kampjun kien meħtieġ fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni. L-ebda importatur ma ppreżenta lilu nnifsu billi ta l-informazzjoni mitluba fl-avviż ta' inizjazzjoni.

(15) Tna-x-il produttur tal-Unjoni, li jgħoddu għal madwar 80 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR, imlew kif suppost il-formola tat-teħid tal-kampjun qabel ma skada ż-żmien u qablu formalment li jikkooperaw b'mod ulterjuri fl-investigazzjoni. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni għażlet skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, kampjun rappreżentattiv ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u ta' bejgħ tan-NA fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Għall-kampjun intgħażlu ħames produtturi tal-Unjoni li jgħoddu għal 57 % tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-UE matul il-PIR.

(16) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati dwar il-kampjun magħżul u ma ressqu l-ebda oġġezzjoni għalih.

(17) Intbagħtu kwestjonarji lill-ħames produtturi tal-Unjoni li ntgħażlu bħala kampjun kif ukoll lill-produtturi esportaturi kollha magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat.

(18) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarji mill-ħames produtturi tal-Unjoni li ntgħażlu bħala kampjun kif ukoll minn tliet produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat.

(19) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabilità ta' ssuktat jew rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u l-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fuq il-postijiet tax-xogħol tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi esportaturi fl-Ukraina:

— CJSC Severodonetsk Azot Association, Severodonetsk

— JSC Concern Stirol, Gorlovka

— OJSC Rivneazot, Rivne

(b) Produtturi tal-Unjoni:

— GrowHow UK Limited, ir-Renju Unit,

— GPN, Paris, Franza,

— Zakłady Azotowe Puławy SA, Poland,

— Yara SA, Brussels, il-Belġju,

— Achema, Jonavos, il-Litwanja.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(20) Il-prodott ikkonċernat huwa fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrato tal-ammonju li jiskorri t-80 % mil-lat ta' piż li joriġinaw fl-Ukraina, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91. In-NA huwa ferilizzant tan-nitroġenu solidu spiss użat fl-agrikoltura. Huwa mmanifatturat mill-ammonja u l-aċidu nitriku, u l-kontenut tiegħu ta' nitroġenu jiskorri t-28 % mil-lat ta' piż fil-forma kristallizzata jew granulari.

(21) Għandu jiġi nnutat li l-ambitu tal-prodott ikkonċernat ġie ċċarat fir-Regolament (KE) Nru 945/2005.

2. Il-prodott simili

- (22) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-reviżjoni kkonfermat li n-NA huwa purament prodott prinċipali, u l-kwalità tiegħu u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma identiċi jkun x'ikun il-pajjiż tal-orijini. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat u l-prodotti mmanifatturati u mibjugħa mill-produtturi esportaturi fis-wieq domestiċi tagħhom u lill-pajjiżi terzi, kif ukoll dawk immanifatturati u mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni nstabu li kelljom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u essenzjalment l-istess użi u għalhekk huma meqjusa li huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABILTÀ TAL-ISSUKTAR JEW IR-RIKORRENZA TAD- DUMPING

1. Ġenerali

- (23) Inkisbet kooperazzjoni minn tliet produtturi esportaturi tal-Ukraina. Ir-raba' produttur esportatur magħruf ma kkooperax fl-investigazzjoni.
- (24) It-tqabbil tal-volum tal-esportazzjoni tat-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw mal-volum totali ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Ukraina wera li t-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jgħoddu għal aktar minn 90 % tal-importazzjonijiet kollha tal-Unjoni mill-Ukraina matul il-PIR. Għalhekk il-livell ta' kooperazzjoni tqies li huwa għoli.
- (25) Il-volumi totali ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina kienu baxxi, u jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' 1,1 % fil-PIR meta mqabbla mas-suq tal-Unjoni bħala entità sħiħa.

2. Id-dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

2.1. Il-valur normali

- (26) Qed jitfakkar li fir-reviżjoni tal-iskadenza preċedenti, l-Ukraina kienet għadha mhux meqjusa bħala pajjiż ta' ekonomija tas-suq u għalhekk il-valur normali kien ibbażat fuq dejta li kienet inkisbet minn produttur esportatur li kkoopera, fl-Istati Uniti tal-Amerika, il-pajjiż analogu.
- (27) Fir-reviżjoni attwali, il-valur normali għe bbażat fuq dejta li nkisbet u għet ivverifikata fuq il-proprietà tat-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw fl-Ukraina. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-bejgħ domestiku jistax jittqies bħala li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, għet analizzata kemm tiswa l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat prodott u mibjugħ fis-suq domestiku mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.
- (28) F'dak li għandu x'jaqsam ma' kemm jiswa l-gass, instab li l-Ukraina kienet qed timporta l-biċċa l-kbira tal-gass li jiġi kkonsumat fil-produzzjoni tan-NA mir-Russja. Id-dejta kollha disponibbli u vverifikata matul l-investigazzjoni indikat li l-Ukraina kienet timporta l-gass naturali mir-Russja fi prezz li matul il-PIR kien madwar 40 % inqas

mill-prezz naturali tal-gass mir-Russja meta jiġi esportat lejn l-Unjoni. Minkejja dan, instab li fl-aħħar tliet xhur tal-PIR il-prezzijiet kienu simili.

- (29) Instab li minbarra tip wieħed ta' prodott esportat minn produttur wieħed, il-bejgħ domestiku sar fl-andament normali tal-kummerċ matul il-PIR. Għalhekk il-valur normali għe stabbilit jew fuq il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas fis-suq domestiku fl-Ukraina minn konsumaturi mhux relatati skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku inkella bbażat fuq valur normali maħdum għat-tip tal-prodott mhux mibjugħ waqt fl-andament normali tal-kummerċ. Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-valur normali nħadem billi mal-ispejjeż tal-manifattura tat-tip esportat, żdiedu ammont raġonevoli ta' spejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u dawk amministrattivi u marġini raġonevoli ta' profitt. Dawn l-ammonti għall-ispejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u dawk amministrattivi u l-profitt ġew ibbażati fuq dejta reali rilevanti għall-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, mill-produttur ikkonċernat.
- (30) Għandu jiġi nnutat li l-valur normali għe ddeterminat mingħajr aġġustament għall-ispejjeż tal-gass li daħlu għalihom il-produtturi esportaturi tal-Ukraina skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Dan ġara minħabba li, kif jidher fil-premessi 32 sa 34, l-użu tal-ispejjeż u l-prezzijiet domestiċi mhux aġġustati tal-produtturi esportaturi tal-Ukraina minkejja l-prezzijiet tal-gass apparentament storti diġà juri biċ-ċar li seħħ dumping matul il-PIR. B'konsegwenza ta' dan, u fid-dawl li l-iskop tar-reviżjoni tal-iskadenza huwa li jiddetermina jekk id-dumping huwix probabbli li jissokta jew li jirrikorri jekk jiġu revokati l-miżuri sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri applikabbli attwalment għandhomx jinżammu jew jiġu revokati, tqies li ma kienx meħtieġ li jiġi analizzat jekk aġġustament skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku kienx iġġustifikat f'dan il-każ.

2.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (31) Skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni għe stabbili permezz ta' referenza għall-prezz fil-fatt imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Il-bejgħ kollu tat-tliet produtturi esportaturi li kkooperaw sar direttament lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni.

2.3. It-tqabbil

- (32) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ex-fabbrika. Bl-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust, id-differenzi li jaffetwaw il-komparabilità tal-prezz ittieħdu inkunsiderazzjoni kif suppost fil-forma ta' aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Bl-istess mod, fejn applikabbli u sostnut b'evidenza verifikata, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, il-ġestjoni, it-tagħbija u l-ispejjeż addizzjonali, l-assigurazzjoni, il-kummissjonijiet u l-ippakkjar.

2.4. Il-marġini tad-dumping

- (33) Il-marġini tad-dumping ġie stabbilit abbażi ta' tqabbil tal-valur normali medju bil-piż differenzjat ma' prezz medju ta' esportazzjoni bil-piż differenzjat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (34) Fuq bażi li tifrex mal-pajjiż, ġie stabbilit marġini tad-dumping medju bil-piż differenzjat ta' 6-7 % għat-tliet produttori esportaturi kkonċernati li kkooperaw.

3. L-iżvilupp tal-importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu revokati

3.1. Il-kapaċità supplementari u l-kwalità ta' ġibda tas-suq tal-Unjoni

- (35) Fil-PIR, il-bejgħ domestiku tat-tliet produttori esportaturi li kkooperaw kien jirrappreżenta, bħala medja, 46 % tal-kapaċità tagħhom ta' produzzjoni.
- (36) Għalkemm it-tliet produttori esportaturi li kkooperaw biegħu proporzjoni kbira tal-produzzjoni tagħhom fis-suq domestiku, kienu dipendenti wkoll fuq esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Fil-PIR kellhom kapaċità supplementari li kienet tikkorrispondi għal madwar 6 % tal-konsum tal-Unjoni.
- (37) Abbażi tal-informazzjoni fit-talba tar-reviżjoni fir-rigward tar-raba' produttur tal-Ukraina li ma kkooperax f'din l-investigazzjoni, il-kapaċità supplementari totali fl-Ukraina matul il-PIR kienet stmata għal madwar 9 % tal-konsum tal-Unjoni.
- (38) Ċerti produttori esportaturi tal-Ukraina li kkooperaw iddikjaraw li kienu dejjem iżjed qed jtilfu s-sehem mis-suq fis-suq domestiku tagħhom għall-benefiċċju tal-produtturi Russi li jistgħu joffru prezzijiet baxxi ħafna minħabba l-ispejjeż tassew iktar baxxi fir-Russja. Għalhekk deher improbabli li s-suq domestiku tal-Ukraina jista' jassorbi l-kapaċità supplementari ta' produzzjoni u għalhekk kwalunkwe żieda fil-produzzjoni probabbli ser tiġi esportata.
- (39) It-tliet kumpanij li kkooperaw esportaw in-NA lil bosta pajjiżi teri oħra matul il-PIR. Minkejja dan, għandu jiġi nnutat li ċerti swieq tradizzjonali tal-pajjiżi terzi huma magħluqa għall-esportazzjonijiet mill-Ukraina jew minħabba miżuri antidumping (pereżempju l-Istati Uniti tal-Amerika b'miżuri antidumping ta' 100 %) u/jew minħabba restrizzjonijiet ta' sikurezza (pereżempju r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Awstralja). Fi kwalunkwe każ, l-Unjoni hija l-ikbar suq, l-aktar wieħed attraenti u fl-istess waqt l-eqreb suq ta' esportazzjoni mil-lat ġeografiku. Il-kwalità ta' ġibda tiegħu tiżdied b'mod ulterjuri mill-vantaġġi tal-loġistika li jirriżultaw mit-tariffi baxxi tal-ferrovija fl-Ukraina.
- (40) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ma jistax jiġi eskluż li parti kbira tal-kapaċità supplementari disponibbli fl-Ukraina jista' jintuża biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas tal-miżuri antidumping.

3.2. Il-prezzijiet fis-swieq differenti tal-esportazzjoni

- (41) Analiżi tal-bejgħ tal-esportazzjoni tat-tliet produttori esportaturi tal-Ukraina li kkooperaw lejn pajjiżi terzi wriet li matul il-PIR il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, meta stabbiliti fuq livell CIF (prezz fil-fruntiera tal-Komunità) filwaqt li jintużaw ir-rati internazzjonali ta' trasport li ngħataw fit-talba għal reviżjoni, kienu sa 25 % inqas mill-prezz prevalenti tas-suq fl-Unjoni.
- (42) Fuq dik il-bażi, għalhekk deher li jkun hemm inċentiv għall-esportazzjonijiet tal-Ukraina lejn pajjiżi terzi li jiġu trasferiti lejn l-Unjoni, jekk jiġu revokati l-miżuri. Il-prezzijiet ogħla fis-suq tal-Unjoni għandhom jippermettu lill-esportaturi tal-Ukraina li jiksibu marġini ta' profitt ogħla.
- (43) Abbażi taċ-ċifri mogħtija mit-tliet produttori esportaturi li kkooperaw, seta' jiġi stabbilit ukoll li fil-livell ta' pajjiż sħiħ, l-esportazzjonijiet mill-Ukraina lejn pajjiżi terzi oħra saru fi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping matul il-PIR.

3.3. Il-konklużjoni tal-probabilità ta' ssuktur jew rikorrenza ta' dumping

- (44) Fid-dawl tas-sejbiet deskritti hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-esportazzjonijiet mill-Ukraina għandhom l-oġġett ta' dumping u li hemm il-probabilità ta' ssuktur ta' dumping fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri attwali tal-anti-dumping jittneħħew. Fil-fatt, jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċità supplementari fl-Ukraina u l-kwalità ta' ġibda tas-suq tal-Unjoni, jidher li hemm inċentiv għall-produtturi esportaturi tal-Ukraina biex i) iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni fi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ii) jittrasferixxu l-esportazzjonijiet tan-NA minn swieq oħra ta' pajjiżi terzi lejn is-suq tal-Unjoni fi prezzijiet li jkunu l-oġġett ta' dumping, mill-inqas sa fejn għandhom x'jaqsmu ż-żewġ produttori esportaturi.
- (45) Barra minn hekk, il-medja bil-piż differenzjat tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn swieq ta' pajjiżi terzi nstabu li kienu ferm iktar baxxi mil-livell prevalenti tal-prezz fl-Unjoni. Dan isaħħaħ mill-ġdid il-probabilità ta' esportazzjonijiet miżjudi mill-Ukraina lejn l-Unjoni fi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

D. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (46) Fl-Unjoni, il-prodott simili huwa mmanifatturat minn 16-il kumpanija jew gruppi ta' kumpaniji li għandhom produzzjoni li tikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (47) Tnax-il produttur esportatur ikkooperaw mal-investigazzjoni:
- Achema AB (il-Litwanja),
 - Agropolychim JSC (il-Bulgarija),
 - Azomures (ir-Rumanija),

- BASF AG (il-Ġermanja),
 - Fertiberia SA (Spanja),
 - GPN SA (Franza),
 - GrowHow UK Ltd (ir-Renju Unit),
 - Neochim PLC (il-Bulgarija),
 - Nitrogénművek Rt (l-Ungerija),
 - Yara (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u l-Pajjiżi l-Baxxi),
 - Zakłady Azotowe Puławy SA (il-Polonja),
 - Zakłady Azotowe w Tarnowie-Mościcach (il-Polonja).
- (48) Fid-dawl li dawn it-12-il produttur tal-Unjoni kienu jgħoddu għal madwar 80 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR, huwa meqjus li huma jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Huma ser jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".

- (49) Kif indikat fil-premessi 14 u 15 hawn fuq, l-għażla tal-kampjun tal-ħames produtturi tal-Unjoni saret abbażi ta' dawn it-12-il produttur esportatur. Il-produtturi kollha li ntgħażlu bħala kampjun ikkooperaw u bagħtu twegġibiet għall-kwestjonarju fil-limitu ta' żmien. Barra minn dan, is-seba' produtturi l-oħra li kkooperaw taw kif xieraq ċerta dejta ġenerali għall-analiżi tal-ħsara.

E. IL-QAGĦDA TAS-SUQ TAL-UNJONI

1. Il-konsum fis-suq tal-Unjoni

- (50) Il-konsum evidenti tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi l-oħra tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, id-dejta tal-Eurostat għall-importazzjonijiet kollha tal-Unjoni u l-informazzjoni tat-twegġibiet kollha tal-kwestjonarju tal-kumpaniji li kkooperaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina. Fid-dawl tat-tkabbir tal-Unjoni għal 27 Stat Membru fl-2007, f'għieħ iċ-ċarezza u l-konsistenza tal-analiżi, l-indikaturi ta' ħsara kollha ġew stabbiliti abbażi tas-suq tal-UE ta' 27 waqt il-perjodu meqjus.
- (51) Bejn l-2005 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas b'10 %.

	2005	2006	2007	2008	RIP
Total tal-konsum tal-Unjoni f'tunnellati	7 861 796	6 983 467	8 023 633	7 638 439	7 054 327
Indiċi (2005 = 100)	100	89	102	97	90

2. Il-volum, is-sehem mis-suq u l-importazzjonijiet mill-Ukraina

- (52) Il-volumi, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Ukraina żvolgħew kif stipulat fit-tabella hawn taħt. Il-kwantità u x-xejriet tal-prezz kienu bbażati fuq l-informazzjoni li nksibet mit-twegġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, l-istatistika tal-importazzjoni (l-Eurostat) u l-istatistika tal-esportazzjoni tal-Ukraina.

	2005	2006	2007	2008	RIP
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	76 867	42 912	29 420	48 232	75 582
Sehem mis-suq	1 %	0,6 %	0,4 %	0,6 %	1,1 %
Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	123	139	145	259	230
Indiċi(2005 = 100)	100	113	118	211	187

- (53) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Ukraina tnaqqset b'mod konsistenti sal-2007 iżda laqget fil-PIR kważi l-istess livell bħal fl-2005. Is-sehem mis-suq tal-Ukraina żdied bi ftit minn 1 % fl-2005 għal 1,1 % fil-PIR. Il-prezzijiet tal-unità evolva b'mod pożittiv minn 123 għal 230 EUR/tunnellata fil-perjodu meqjus. Din iż-żieda fil-PIR trid titqies fl-isfond tal-evoluzzjoni dinjija tal-prezzijiet u tal-prezzijiet tal-materja prima ewlenija.

- (54) Bl-iskop li jiġi kkalkolat il-livell tat-twaqqigħ fil-prezz matul il-PIR, tqabblu l-prezzijiet ex-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni għal konsumaturi mhux relatati mal-prezzijiet tal-importazzjoni fil-fruntiera tal-Unjoni CIF tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiż ikkonċernat, u ġew aġġustati kif xieraq biex jirriflettu prezz ta' wara l-kunsinna. Fuq dik il-bażi, it-tqabbil wera li l-importazzjonijiet mill-Ukraina kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 22,5 % bħala medja matul il-PIR. Instab li xorta waħda margġini ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 11 % mill-esportaturi tal-Ukraina meta d-dazju tal-antidumping żdied mal-prezzijiet tagħhom lill-Unjoni.

3. L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra

- (55) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi matul il-perjodu meqjus jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Il-kwalità u x-xejriet tal-prezz li ġejjin huma bbażati fuq l-Eurostat.

	2005	2006	2007	2008	RIP
Volum ta' importazzjonijiet mir-Russja (tunnellati)	328 972	217 539	35 852	136 984	184 170
Sehem mis-suq	4,2 %	3,1 %	0,4 %	1,8 %	2,6 %
Prezzijiet ta' importazzjonijiet mir-Russja (EUR/tunnellata)	122	124	144	275	235
Volum ta' importazzjonijiet mill-Ġeorġja (tunnellata)	153 844	85 870	88 622	214 879	222 912
Sehem mis-suq	2,0 %	1,2 %	1,1 %	2,8 %	3,2 %
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Ġeorġja (EUR/tunnellata)	164	177	174	325	304
Volum ta' importazzjonijiet mill-Kazakhstan (tunnellata)	0	4 845	112 239	81 410	100 761
Sehem mis-suq	0 %	0,1 %	1,4 %	1,1 %	1,4 %
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Kazakhstan (EUR/tunnellata)	0	147	151	255	242
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha (tunnellati)	65 253	118 927	99 380	109 755	91 785
Sehem mis-suq	0,8 %	1,7 %	1,2 %	1,4 %	1,3 %
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha (EUR/tunnellata)	190	170	240	242	265

- (56) Kien hemm żieda sinifikanti fil-prezz fis-suq tal-Unjoni mill-pajjiżi terzi kollha li seħħet fl-2008 u l-PIR. Deher li, minbarra r-Russja, il-pajjiżi kollha msemmija fit-tabella hawn fuq żiedu l-volumi tagħhom tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni waqt il-perjodu meqjus. Fil-każ tal-importazzjonijiet Russi, huma soġġetti għal dazju fiss tal-anti-dumping ta' EUR 47,07 għal kull tunnellata u ġew importati, bħall-importazzjonijiet tal-Ukraina, fl-inqas prezz meta mqabbla mal-pajjiżi l-oħra kollha ta' esportazzjoni.

4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (57) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

4.1. Rimarki preliminari

- (58) Minħabba li sar rikors għat-teħid tal-kampjun għall-investigazzjoni ta' ħsara, ċerti indikaturi ta' ħsara bħalma huma produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, bejgħ, sehem mis-suq, produttività u impjegji ġew analizzati għall-industrija tal-Unjoni bħala entità sħiħa ("l-Unjoni" fit-tabelli ta' hawn taħt). Indikaturi oħra ta' ħsara relatati mal-prestazzjoni tal-kumpaniji individwali, bħalma huma prezzijiet, stokks, spejjeż tal-produzzjoni, kapaċità ta' profitt, paġi, investimenti, redditu fuq l-investment, likwidità, u kapaċità li tikseb il-kapital ġew analizzati abbażi tal-informazzjoni miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni magħżula bħala kampjun ("P.K." fit-tabelli ta' hawn taħt).

4.2. Deġta relatata mal-industrija tal-Unjoni bħala entità sħiħa

(a) Produzzjoni

- (59) Bejn l-2005 u l-PIR, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bi 18 %, jiġifieri minn livell ta' madwar 7 miljun tunnellata fl-2005 għal livell ta' madwar 5,8 miljun tunnellata fil-PIR. F'dak li għandu xjaqsam mal-produzzjoni għall-użu vinkolanti, hija baqgħet modesta matul il-perjodu meqjus u ma affetwatx il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni b'mod partikolari fil-PIR.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Il-produzzjoni tal-Unjoni (tunnellati)	7 133 844	6 359 967	7 146 911	6 454 234	5 843 181
Indiċi (2005 = 100)	100	89	100	90	82
Produzzjoni tal-Unjoni li ntużat għat-trasferimenti vinkolanti	210 437	176 413	185 223	138 733	119 053
Bħala % tal-produzzjoni totali	2,9 %	2,8 %	2,6 %	2,1 %	2,0 %

(b) Il-kapaċità u r-rati ta' użu tal-kapaċità

- (60) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli matul il-perjodu meqjus kollu. B'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità li rriżulta naqas, minn livell ta' 55 % fl-2005 għal livell ta' 45 % fil-PIR. Kif diġà ġie nnotat fl-investigazzjoni oriġinali, l-użu tal-kapaċità għan-NA jista' jiġi affetwat bil-produzzjoni ta' prodotti oħra li jistgħu jiġu prodotti bl-istess taġġmir tal-produzzjoni. Għalhekk ix-xejra tal-użu tal-kapaċità hija inqas rilevanti għall-valutazzjoni tal-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Il-kapaċità tal-Unjoni (tunnellata)	13 059 281	12 824 281	12 820 594	13 069 317	13 077 281
L-użu tal-kapaċità tal-Unjoni	55 %	50 %	56 %	49 %	45 %

(ċ) Il-volum ta' bejgħ

- (61) Bejn l-2005 u l-PIR, il-bejgħ min-naħa tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied b'14 %. Dan l-iżvilupp irid jitqies fl-isfond ta' konsum tal-Unjoni li qed jonqos fl-istess perjodu.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Volum ta' bejgħ tal-Unjoni (tunnellati) lil partijiet mhux relatati	5 365 834	4 756 093	5 495 037	5 157 788	4 605 629
Indiċi (2005 = 100)	100	89	102	96	86
Volum ta' bejgħ tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati f'pajjiżi terzi (tunnellati)	887 056	727 176	637 408	559 393	548 090
Indiċi (2005 = 100)	100	82	72	63	62

(d) *Is-sehem mis-suq*

- (62) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli mill-2005 sal-2008 iżda naqas bi tliet punti perċentwali bejn l-2008 u l-PIR.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Sehem mis-suq tal-Unjoni	68 %	68 %	68 %	68 %	65 %
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	100	100	100	96

(e) *L-impjieg*

- (63) Il-livell ta' impjieg tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 8 % bejn l-2005 u l-PIR.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Impjegati tal-Unjoni relatati mal-prodott ikkonċernat	3 627	3 578	3 458	3 494	3 354
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	99	95	96	92

(f) *Il-produttività*

- (64) Matul il-perjodu meqjus, il-produzzjoni medja għal kull persuna impjegata mill-industrija tal-Unjoni naqset bi 11 %. Dan huwa spjegat mill-fatt li t-tnaqqis relattiv fil-produzzjoni evita t-tnaqqis relattiv fl-impjieg.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Produttività tal-Unjoni (tunnellati kull impjegat)	1 967	1 778	2 067	1 847	1 742
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	90	105	94	89

(g) *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

- (65) Fejn jikkonċerna d-daqs tal-marġni effettivi ta' dumping, meta jitqies il-volum żgħir tal-importazzjonijiet mill-Ukraina, dan l-impatt jitqies bħala li mhux sinifikanti u l-indikatur mhux rilevanti għall-analiżi tal-ħsara.

4.3. *Id-dejta li tikkonċerna l-produtturi tal-Unjoni meħuda fil-kampjun*(a) *Il-prezzijiet għall-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi*

- (66) Fl-2008 u fil-PIR, il-prezz tal-bejgħ nett medju tal-produtturi tal-industrija tal-Unjoni li ttehdju bħala kampjun żdied sostanzjalment, li jirrifletti l-kondizzjonijiet favorevoli prevalenti tas-suq internazzjonali tan-NA matul dak il-perjodu.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Prezzijiet tal-unità tal-P.K. (EUR/tunnellata)	165	182	189	309	315
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	110	115	187	191

(b) S t o c k s

- (67) Il-livell tal-istokks tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni naqqas b'26 % mill-2005 sal-PIR. Żieda qawwiya reġistrata fl-2006 kienet dovuta għal tnaqqis fil-volum tal-bejgħ bejn l-2005 u l-2006.

	2005	2006	2007	2008	PIR
L-istokks tal-għeluq tal-P.K. (tunnellati)	276 569	489 535	345 137	252 072	203 579
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	177	125	91	74

(ċ) I l - p a g i

- (68) Bejn l-2005 u l-PIR, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet b'6 %, kif turi t-tabella t'hawn isfel. Fidawl tar-rata tal-inflazzjoni u t-tnaqqis komplessiv fl-impjiegi, din iż-żieda fil-pagi titqies moderata.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Spiża annwali tax-xogħol tal-P.K għal kull impjegat (000 EUR)	40,4	41,2	43,3	45,0	43,0
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	102	107	111	106

(d) L - i n v e s t i m e n t i

- (69) L-investimenti annwali fil-prodott simili li sar mill-ħames produttori magħżula bħala kampjun żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu meqjus u żdiedu b'70 %. Dawn l-investimenti kienu fil-parti l-kbira relatati mal-modernizzazzjoni ta' ċertu makkinarju. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni għandha r-rieda kontinwa li ttejjeb il-kompetittività tagħha.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Investimenti netti tal-P.K. (000 EUR)	46 668	52 191	64 319	73 948	79 379
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	112	138	158	170

(e) P r o f i t t a b b i l t à u r e d d i t u f u q l - i n v e s t i m e n t i

- (70) Il-profittabbiltà tal-produtturi li ttieħdu bħala kampjun ttejjeb b'mod sinifikanti, notevolment mill-2006 'l hawn, u laħqet il-livell ta' 28,1 % matul il-PIR. Ir-redditu fuq l-investment (ROI), espress bħala l-profit f'perċentwal tal-valur nett fuq il-karta tal-investimenti, segwa ġeneralment ix-xejra pożittiva ta' profittabbiltà matul il-perjodu meqjus.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Profittabbiltà tal-P.K. tal-bejgħ tal-KE lil konsumaturi mhux relatati (% tal-bejgħ nett)	9,2 %	7,9 %	14,9 %	25,3 %	28,1 %
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	85	162	274	304
L-ROI tal-P.K. (profit f% tal-valur nett fuq il-karta tal-investment)	35,2 %	25,8 %	41,1 %	109,1 %	114,1 %
<i>Indiċi (2005 = 100)</i>	100	73	117	310	324

(f) Il-likwidità u l-kapaċità li jinkiseb il-kapital

- (71) Il-likwidità żdiedet b'mod sinifikanti matul il-perjodu meqjus u hija konformi mal-iżvilupp tal-profittabbiltà globali matul dak il-perjodu.

	2005	2006	2007	2008	PIR
Likwidità tal-P.K (000 EUR)	84 567	52 182	188 535	373 843	386 721
Indiċi (2005 = 100)	100	63	223	442	457

- (72) L-investigazzjoni ma wrietx diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-produtturi tal-Unjoni meħuda bħala kampjun biex jiksbu l-kapital. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li billi bosta minn dawn il-kumpaniji jagħmlu parti minn gruppi kbar, huma jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fi hdn il-grupp li jagħmlu parti minnu jew permezz ta' skemi ta' ġbir ta' flus jew permezz ta' self intern tal-grupp mogħti mill-kumpanija prinċipali.

5. Konklużjoni

- (73) Bejn l-2005 u l-PIR, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-ħsara żviluppaw b'mod pożittiv: il-prezzijiet tal-bejgħ tal-unità u l-profittabbiltà tjebu sostanzjalment, b'din tal-aħħar tilħaq livell ta' 28,1 % waqt il-PIR. L-investimenti, ir-redditu fuq l-investment u l-likwidità evolwew b'mod pożittiv ukoll.
- (74) Minkejja li l-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ naqsu konsiderevolment waqt il-perjodu meqjus dan għandu jittqies fl-isfond ta' suq tal-Unjoni li qed jiċkien bejn wieħed u ieħor b' -10 %.
- (75) B'kollox, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjobet b'mod sinifikanti meta pparagunata mas-sitwazzjoni tagħha qabel l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tan-NA mill-pajjiż ikkonċernat fl-2001.

F. IL-PROBABILTÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA

1. Ġenerali

- (76) Fil-kuntest tal-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara, ġew analizzati żewġ parametri ewlenin: (i) il-volumi u l-prezzijiet probabbli ta' esportazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat u (ii) l-effett probabbli ta' dawk il-volumi u l-prezzijiet imbassra mill-pajjiż ikkonċernat fuq l-industrija tal-Unjoni.

2. Il-volumi u l-prezzijiet probabbli ta' esportazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat

- (77) Hemm kapaċità supplementari magħrufa ta' madwar 650 elf tunnellata disponibbli għall-produtturi tal-Ukraina li

kkooperaw, li tirrappreżenta 9 % tas-suq tal-Unjoni, kif imsemmi fil-premessa 37. Din il-kapaċità żejda tindika li l-produtturi tal-Ukraina għandhom il-possibbiltà li jżidu l-produzzjoni attwali tagħhom u b'hekk anki li jżidu malajr l-esportazzjonijiet tagħhom tan-NA.

- (78) Barra minn hekk, meta jitqies is-suq domestiku relattivament ta' daqs żgħir, il-produtturi tal-Ukraina qed jiddependu ferm fuq l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Kif imfisser fil-premessa 41, dawn l-esportazzjonijiet saru bi prezzijiet sostanzjalment aktar baxxi mill-prezz prevalenti tas-suq fl-Unjoni.

- (79) Abbażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, is-suq tal-Unjoni jidher li huwa attraenti għall-produtturi esportaturi tal-Ukraina mil-lat ta' prezzijiet meta mqabbel mas-swieq l-oħra kollha ta' esportazzjoni. Għalhekk huwa raġonevolment mistenni li parti konsiderevoli tal-volumi esportati lejn pajjiżi terzi jkunu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Minħabba li s-suq tal-Unjoni jinsab qrib, meta imqabbel ma' swieq oħra ta' esportazzjoni, dan tagħmlu wkoll aktar attraenti u għalhekk iżid il-probabbiltà li l-esportazzjonijiet attwali minn produtturi tal-Ukraina jiġu ridiretti minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni.

- (80) Minħabba l-pożizzjoni dgħajfa tas-suq attwali tal-prodotti tal-Ukraina fl-Unjoni, l-esportaturi tal-Ukraina jkunu jridu madankollu jirbħu mill-ġdid is-sehem mis-suq jew li jwessgħu l-bażi tagħhom ta' konsumaturi u huwa probabbli li jirnexxihom jagħmlu dan billi joffru n-NA fi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping kif stabbilit matul il-PIR.

- (81) Għalhekk abbażi ta' dan ta' hawn fuq, x'aktarx li volumi sinifikanti ta' NA prodotti fl-Ukraina jiġu ridiretti lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping li jwaqqgħu b'mod sostanzjali l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3. L-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-volumi ta' esportazzjoni u tal-prezzijiet imbassra f'każ ta' revoka tal-miżuri

- (82) L-investigazzjoni wriet li n-NA huwa prodott prinċipali bi prezzijiet li jistgħu jiġu affetwati b'mod sinifikanti mill-preżenza ta' importazzjonijiet bi prezz baxx li jwaqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, is-suq tal-Unjoni għan-NA huwa relattivament prekarju. Il-kondizzjonijiet favorevoli dinjija tas-suq għan-NA prevalenti waqt il-perjodu meqjus kellhom rwol importanti biex żammew il-prezzijiet flivell għoli u l-miżuri anti-dumping applikabbli naqqsu l-possibilità ta' distorsjoni tal-prezz fis-suq tal-Unjoni. Matul dak il-perjodu, kien hemm bilanċ prekarju bejn il-provvista u d-domanda li rriżultat fi prezzijiet oġhla għall-fertilizzanti kollha tan-nitroġenu, li huma prodotti prinċipali. In-NA huwa wkoll prodott prinċipali li l-iffissar tal-prezz tiegħu huwa influwenzat minn għadd ta' fatturi, bħalma huwa l-prezz tal-gass, li jkollu impatt konsiderevoli fuq il-provvista għaliex huwa l-iktar element importanti tal-ispiża, it-temp, il-livelli ta' stokks tal-uċuh tar-raba' u tal-qmuħ, li jirriżultaw b'mod globali f'domanda mnaqqa jew miżjuda għall-fertilizzanti.
- (83) B'ħarsa partikolari lejn is-suq tal-Unjoni, huwa mistenni li d-domanda għan-NA għandha tiżdied bi ftit mil-livell osservat fil-PIR. Peress li l-prezzijiet ipprattikati mill-produtturi esportaturi tal-Ukraina waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, iż-żieda probabbli fil-volumi ta' importazzjoni mill-Ukraina ser iġġiegħel lill-industrija tal-Unjoni jew li tnaqqas sewwa l-prezzijiet tagħha, u b'hekk il-profitti, inkella li titlef biċċa sewwa mis-sehem tagħha mis-suq u għalhekk id-dħul, jew it-tnejn li huma. Proċess ta' ristrutturazzjoni li jirnexxi tal-industrija tal-Unjoni probabbilment jista' biss jinnewtralizza mhux għal kollox tnaqqis probabbli fil-prezzijiet u l-proċess kollu ta' rkupru jitqiegħed f'periklu. Għalhekk x'aktarx li jirriżulta deterjorament tal-qagħda ġenerali tal-industrija tal-Unjoni mir-revoka tal-miżuri.

4. Konklużjoni dwar il-probabilità ta' rikorrenza tal-ħsara

- (84) Il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq iwasslu għall-konklużjoni li, jekk il-miżuri attwali jitħallew jiskadu, l-esportazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat x'aktarx li jseħħu f'volumi sinifikanti u bi prezzijiet li jkunu l-oġġett ta' dumping u li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Probabbilment dan jista' jkollu l-effetti li jdaħħal xejra ta' tnaqqis tal-prezz fis-suq, b'impatt negattiv previst fuq il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Dan jista' b'mod partikolari, ixekkel l-irkupru finanzjarju li nkiseb parzjalment fil-perjodu meqjus, u jwassal għal rikorrenza ta' ħsara.

G. L-INTERESSI TAL-UNJONI

1. Id-daħla

- (85) Ġie analizzat jekk kinux jeżistu raġunijiet impellenti li setgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhux fl-interess tal-Unjoni li jiġġeddu l-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Għal

dan il-għan, u skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġew ikkunsidrati, abbażi tal-prova kollha preżentata, l-impatt tat-tiġdid tal-miżuri fuq il-partijiet kollha involuti f'dan il-proċediment u l-konsegwenzi tal-iska-denja tal-miżuri.

- (86) Sabiex jiġi stmat l-impatt tal-preżervazzjoni tal-miżuri, il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.
- (87) Għandu jifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-adozzjoni ta' miżuri tqieset li ma kinitx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-din l-investigazzjoni hija verifika, u għaldaqstant tanalizza sitwazzjoni fejn miżuri anti-dumping diġà kienu jeżistu, tippermetti l-evalwazzjoni ta' kull impatt negattiv mhux f'postu fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping attwali.

2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (88) L-industrija tal-Unjoni tat prova li hija industrija strutturalment vijabbli. Dan ġie kkonfermat bl-iżvilupp pożittiv tal-qagħda ekonomika tagħha li dehret wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fl-2001. B'mod partikolari, l-industrija tal-Unjoni tejbet konsiderevolment il-qagħda tagħha ta' profitt bejn l-2005 u l-PIR u rnexxielha tirristruttura lilha nnifisha.
- (89) Għalhekk bir-raġun huwa mistenni li l-industrija tal-Unjoni ser tissokta tibbenefika mill-miżuri imposti bħalissa u tirkupra billi żżomm u tistabbilizza l-kapaċità tagħha ta' profitt. Jekk il-miżuri ma jinżammux, huwa probabbli li jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, u b'hekk jikkawgħaw dannu lill-industrija tal-Unjoni billi jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ li jaffetwaw b'mod negattiv is-sitwazzjoni finanzjarja pożittiva attwali.

3. L-interess tal-importaturi

- (90) Kif imsemmi fil-premessa 14, l-ebda importatur ma wera r-rieda tiegħu li jiġi inkluż fil-kampjun u li jagħti l-informazzjoni bażika meħtieġa fil-formola tat-teħid ta' kampjun. Qed jifakkar li fl-investigazzjonijiet preċedenti nstab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri ma jkunx sinifikanti minħabba li iġenerali, l-importaturi ma jinnegożjawx biss fin-NA iżda wkoll, b'mod sinifikanti, ffertilizzanti oħrajn. It-tneħħija ta' miżuri anti-dumping minn fuq fertilizzanti oħra jistgħu biss isaħħu dan ta' hawn fuq. F'dak il-kuntest, il-miżuri anti-dumping applikabbli fuq importazzjonijiet ta' urea li toriġina mir-Russja u mill-Belarus, il-Kroazja, il-Libja u l-Ukraina tneħħew f'Awwissu 2007 u Marzu 2008 rispettivament⁽¹⁾. Madankollu, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-importaturi u għalhekk ta' kull evidenza konklużiva li tippermetti evalwazzjoni ta' kull konsegwenza negattiva sinifikanti, ġie konkluż li ma hemm ebda raġuni konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.

(1) ĠU L 198, 31.7.2007, p. 4, u ĠU L 75, 18.3.2008, p. 33.

(91) M'hemmx tagħrif disponibbli ta' min jafdah li juri li ż-żamma tal-miżuri ser ikollha effett negattivi sinifikanti fuq l-importaturi jew il-kummerċjanti.

4. L-interess tal-utenti

(92) L-utenti tan-NA fl-Unjoni huma l-bdiewa. Fl-investigazzjoni oriġinali, ġie konkluż li minħabba l-inċidenza żgħira tan-NA fuq l-attività tal-bdiewa, kull żieda f'dawn l-ispejjeż x'aktarx li ma jkollhiex effett ħażin sinifikanti fuqhom.

(93) Fl-investigazzjoni attwali żewġ assoċjazzjonijiet tal-bdiewa ppreżentaw il-kummenti tagħhom fejn sostnew li l-miżuri għandhom jintemmu. Huma ddikjaraw primarjament li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni tal-2003 naqqset l-użu tal-mekkaniżmi ta' intervent tas-suq u qasmet ir-rabta bejn l-appoġġ tal-Unjoni u l-produzzjoni. Konsegwentement, dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni ġie għel lill-bdiewa tal-Unjoni biex joperaw f'kondizzjonijiet tas-suq dinji. Hija biss l-għażla ħielsa tal-fornituri tan-NA li tista' twaqqaf il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli milli jiżiedu sostanzjalment.

(94) Minkejja dan, l-issuktar possibbli tal-miżuri anti-dumping attwali mhumix ser iwaqqfu lill-utenti milli jagħmlu għażla ħielsa tal-fornituri tagħhom tan-NA, iżda għandu jippreserva kondizzjonijiet ugwali fis-suq tal-Unjoni fejn il-kompetizzjoni effettiva ser tissaħħa. Għalhekk abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-issuktar tal-miżuri anti-dumping kontra l-Ukraina mhumix ser ikollhom effett negattiv sinifikanti fuq l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

5. Il-konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

(95) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li m'hemmx raġunijiet kompulsivi kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.

H. MIŻURI ANTI-DUMPING

(96) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li

jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar. Il-kummenti ttieħdu inkonsiderazzjoni kif xieraq meta ġġustifikati.

(97) Isegwi minn dak li ntqal aktar 'il fuq li, hekk kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-AN li joriġina fl-Ukraina għandhom jinżammu. Ta' min ifakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazji speċifiċi.

(98) Kif indikat fil-premessa 28, il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Ukraina għall-gass naturali wrew konverġenza mal-prezzijiet tal-gass prevalenti fis-suq tal-Unjoni fl-aħħar tliet xhur tal-PIR. Għalhekk, l-effetti potenzjalment ta' ħsara tad-dumping jistgħu jiġu affetwati mill-impatt fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni kkawżati mill-evoluzzjoni tal-prezzijiet domestiċi tal-gass jekk dawn tal-aħħar ikunu fit-tul. Għalhekk, huwa meqjus prudenti li tiġi limitata l-preżervazzjoni tal-miżuri għal sentejn.

(99) L-impenji aċċettati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/577/KE ⁽¹⁾ jibqgħu fis-seħħ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi b'kontenut tan-nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 9, u li joriġinaw fl-Ukraina.

2. Ir-rata ta' dan id-dazju anti-dumping għandha tkun ammont fiss ta' euro għal kull tunnellata kif jidher hawn taħt:

Deskrizzjoni tal-prodott	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Ammont ta' dazju (Euro għal kull tunnellata)
Nitrat tal-ammonju ħliet f'soluzzjonijiet tal-ilma	3102 30 90	—	33,25
Taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbutat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % bil-piż	3102 40 90	—	33,25
Melħ doppju u taħlitiet tas-sulfat tal-ammonju u nitrat ta' ammonju - Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat ta' ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż	3102 29 00	10	33,25
Melħ doppju u taħlitiet tan-nitrat tal-kalċju u nitrat tal-ammonju - Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat ta' ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż	3102 60 00	10	33,25

(1) ĠU L 185, 12.7.2008, p. 43.

Deskrizzjoni tal-prodott	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Ammont ta' dazju (Euro għal kull tunnellata)
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż	3102 90 00	10	33,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, mingħajr kontenut ta' fosfru u ta' potassju	3105 10 00	10	33,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż	3105 10 00	20	32,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż	3105 10 00	30	31,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż	3105 10 00	40	30,26
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż	3105 10 00	50	29,26
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż	3105 20 10	30	32,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż	3105 20 10	40	31,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż	3105 20 10	50	30,26
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż	3105 20 10	60	29,26
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ ta' inqas minn 3 % bil-piż	3105 51 00	10	32,25
Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 3 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 6 %	3105 51 00	20	31,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż	3105 51 00	30	30,26

Deskrizzjoni tal-prodott	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Ammont ta' dazju (Euro għal kull tunnellata)
Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 %	3105 51 00	40	29,79
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ ta' inqas minn 3 % bil-piż	3105 59 00	10	32,25
Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 3 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 6 %	3105 59 00	20	31,25
Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 6 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 9 %	3105 59 00	30	30,26
Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 %	3105 59 00	40	29,79
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż	3105 90 91	30	32,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż	3105 90 91	40	31,25
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż	3105 90 91	50	30,26
Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbix it-12 % bil-piż	3105 90 91	60	29,26

3. F'każijiet fejn il-prodotti kellhom ħsara qabel id-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz attwalment imħallas jew pagabbli huwa mqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽¹⁾, l-ammont tad-dazju anti-dumping, ikkalkulat fuq l-ammonti stabbiliti iktar 'il fuq, għandu jkun mnaqqas b'perċentwali li tikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz attwalment imħallas jew pagabbli.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Minkejja l-Artikolu 1, id-dazju anti-dumping definittiv m'għandux japplika għal importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont il-paragrafi sussegwenti ta' dan l-Artikolu.

⁽¹⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 40.

2. L-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jeċċedi t-80 % fil-piż li joriġina fl-Ukraina, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91 għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa li huma mogħnija b'fattura mill-produttur esportatur li l-impenn tiegħu ġie aċċettat mill-Kummissjoni u li l-ismu tniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/577/KE, li minn żmien għal żmien tiġi emendata, għandhom jiġu eżentati mid-dazju anti-dumping impost bl-Artikolu 1, bil-kondizzjoni li:

— dawn jiġu manifatturati, mibgħuta bil-baħar u mogħnija b'fattura direttament mill-produttur esportatur lill-ewwel konsumatur indipendenti fl-Unjoni, u

— dawn l-importazzjonijiet ikollhom fattura ta' impenn, li tkun fattura kummerċjali li jkun fiha tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament, u

— il-merkanzija ddikjarata u ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tikkorrispondi preċiżament mad-deskrizzjoni fuq il-fattura tal-impenn.

3. Għandu jnholoq debitu doganali fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa:

— kull darba li jiġi stabbilit, fir-rigward ta' importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 2, li waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet elenkati f'dak il-paragrafu ma jiġux sodisfatti, jew

— meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku f'Regolament jew Deċiżjoni li tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' sentejn.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNEX

L-elementi li ġejjin għandhom jiġu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-kumpanniji lill-Unjoni ta' merkanzija li hija soġġetta għall-impenn:

1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA MERKANZIJA LI HIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPENN".
2. L-isem tal-kumpanija li toħroġ il-fattura kummerċjali.
3. In-numru tal-fattura kummerċjali.
4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-merkanzija fuq il-fattura għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni.
6. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, li tinkludi:
 - il-kodiċi NM użat għall-għan tal-impenn,
 - il-kontenut f'nitroġenu ("N") tal-prodott (p'perċentwali),
 - il-kodiċi TARIC,
 - il-kwantità (li trid tingħata f'tunnellati).
7. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, inkluż:
 - il-prezz għal kull tunnellata,
 - it-termini tal-pagament applikabbli,
 - it-termini tat-twassil applikabbli,
 - ir-roħs u r-ribass totali.
8. L-isem il-kumpanija li tagħmilha ta' importatur fl-Unjoni li lilha l-kumpanija toħroġ direttament il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti suġġetti għal impenn.
9. L-isem l-uffiċjal tal-kumpanija li tkun ħarġet il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qed isir fl-ambitu u skont il-kondizzjonijiet tal-Impenn offrut minn [KUMPANIJA], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2008/577/KE (*). Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett.

(*) ĠU L 185, 12.7.2008, p. 43."

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 513/2010**tal-15 ta' Ġunju 2010****li jemenda l-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-aġġustament tal-kwoti mis-sena tas-suq 2010/2011 fis-settur taz-zokkor**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 59(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jstabbilixxi l-kwoti nazzjonali u reġjonali għall-produzzjoni taz-zokkor, l-isogħluożju u x-xropp tal-inulina. Għas-sena tas-suq 2010/2011 daww il-kwoti għandhom jiġu aġġustati billi titqies id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li tapplika l-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) 1234/2007.

- (2) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jiġi mibdul bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

ANNEX

"ANNEX VI

KWOTI NAZZJONALI U REĠJONALI
mis-sena tas-suq 2010/2011 'il quddiem

(f'tunnellati)

L-Istati Membri jew reġjuni (1)	Zokkor (2)	Isoglukożju (3)	Xropp tal-inulina (4)
Il-Belġju	676 235,0	114 580,2	0
Il-Bulgarija	0	89 198,0	
Ir-Repubblika Ċeka	372 459,3		
Id-Danimarka	372 383,0		
Il-Ġermanja	2 898 255,7	56 638,2	
L-Irlanda	0		
Il-Greċja	158 702,0	0	
Spanja	498 480,2	53 810,2	
Franza (kontinentali flimkien ma' Korsika)	3 004 811,15		0
Id-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej	432 220,05		
L-Italja	508 379,0	32 492,5	
Il-Latvja	0		
Il-Litwanja	90 252,0		
L-Ungerija	105 420,0	220 265,8	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	804 888,0	0	0
L-Awstrija	351 027,4		
Il-Polonja	1 405 608,1	42 861,4	
Il-Portugall (kontinentali)	0	12 500,0	
Ir-Reġjun Awtonomu tal-Ażores	9 953,0		
Ir-Rumanija	104 688,8	0	
Is-Slovenja	0		
Is-Slovakkja	112 319,5	68 094,5	
Il-Finlandja	80 999,0	0	
L-Isvezja	293 186,0		
Ir-Renju Unit	1 056 474,0	0	
TOTAL	13 336 741,2	690 440,8	0"

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 514/2010

tal-15 ta' Ġunju 2010

dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (DSM 16244) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (DSM 16244) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, li għandu jiġi klassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".
- (4) Jirriżulta mill-opinjoni tal-Awtorità dwar is-Sikurezza tal-Ikel (l-Awtorità) tat-3 ta' Frar 2010 ⁽²⁾ li l-*Pediococcus pentosaceus* (DSM 16244) m'għandux effetti negattivi fuq

is-saħħa tal-annimali, tal-bniedem jew fuq l-ambjent, u li din il-preparazzjoni għandha l-potenzjal li ttejjeb il-produzzjoni tas-silage. L-Awtorità ma tqisx li hemm il-ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressa mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (5) Il-valutazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (DSM 16244) turi li l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu ta' dan l-addittiv għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tas-silage", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ *The EFSA Journal* 2010; 8(2):1502.

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materjal organiku			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silage									
1k2101	—	<i>Pediococcus pentosaceus</i> (DSM 16244)	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni tal-<i>Pediococcus pentosaceus</i> (DSM 16244) li jkollha minimu ta' 4×10^{11} CFU/g ta' addittiv</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: <i>Pediococcus pentosaceus</i> (DSM 16244)</p> <p>Metodu analitiku ⁽¹⁾: Enumerazzjoni: il-metodu <i>spread plate</i> bl-użu tal-MRS agar f'temperatura ta' 37 °C (EN15786:2009).</p> <p>Identifikazzjoni: metodu ta' elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE).</p>	L-ispeċi kolla tal-annimali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun.. Id-doża minima ta' addittiv użat waħdu hija: 1×10^8 CFU/kg ta' materjal organiku Għas-sikurezza: Huwa rakkomandat li tintuża protezzjoni għall-immifsejn u par ingwanti waqt li jkun qed jiġi mmaniġġjat. 	Is-6 ta' Lulju 2020

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju li ġej: www.irmm.jrc.ec.europa.eu/crl-feed-additives

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 515/2010

tal-15 ta' Ġunju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1137/2007 fir-rigward tal-użu tal-addittiv *Bacillus subtilis* (O35) fl-għalf li fih il-lasalocid sodium, il-maduramycin ammonium, il-monensin sodium, in-narasin, is-salinomycin sodium u s-semduramycin sodium

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-possibiltà ta' modifika fl-awtorizzazzjoni ta' addittiv tal-għalf fuq talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u fuq opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità).
- (3) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmi minn preparazzjoni ta' *Bacillus subtilis* DSM 17299 kien awtorizzat għal 10 snin biex jingħata lit-tiġieġ għat-tismin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1137/2007 tal-1 ta' Ottubru 2007 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* bħala addittiv fl-għalf ⁽²⁾.
- (4) Id-detentur tal-awtorizzazzjoni sottometta applikazzjoni għal modifika tal-awtorizzazzjoni ta' dan l-addittiv li tippermetti l-użu tiegħu fl-għalf li fih il-lasalocid sodium,

il-maduramycin ammonium, il-monensin sodium, in-narasin, is-salinomycin sodium u s-semduramycin sodium għat-tiġieġ għat-tismin. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni sottometta l-informazzjoni rilevanti bħala sostenn għat-talba tiegħu.

- (5) L-Awtorità kkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-10 Marzu 2010 li l-addittiv *Bacillus subtilis* DSM 17299 hu kompatibbli mal-lasalocid sodium, il-maduramycin ammonium, il-monensin sodium, in-narasin, is-salinomycin sodium u s-semduramycin sodium ⁽³⁾.
- (6) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huma sodisfatti.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1137/2007 qed jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 256, 2.10.2007, p. 5.

⁽³⁾ Il-Ġurnal EFSA 2010; 8(3):1552 [7 pp.].

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			

Kategorija ta' addittivi żuotekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti tal-batterja fil-musrana.

4b1821	Chr. Hansen A/S	<i>Bacillus subtilis</i> DSM 17299	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv</p> <p>Preparazzjoni ta' <i>Bacillus subtilis</i> DSM 17299 li fiha minimu ta' $1,6 \times 10^9$ CFU/g addittiv</p> <p>Karatterizzazzjoni tal-addittiv: sustanza</p> <p><i>Bacillus subtilis</i> DSM 17299 konċentrat tal- ispori</p> <p>Metodu analitiku ⁽¹⁾</p> <p>Metodu ta' enumerazzjoni bis-sljajd imdellek (spread plate method) fuq l-agar tat-tryptone soya bi pretrattament bis-sħana trattament tal-kampjuni tal-għalf</p>	Tiġieġ għat-tismin	—	8×10^8	$1,6 \times 10^9$	<p>1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura li fiha ssir il-ħażna, it-tul ta' żmien tal-ħażna u l-istabilità għall-pelleting.</p> <p>2. L-użu huwa permess fl-għalf li jkun fiha il-coccidiostats iktar 'il fuq kont ktibtha bil-Maltipermessi: diclazuril, halofuginone, robenidine, decoquinone, narasin/nicarbazine, lasalocid sodium, maduramycin ammonium, monensin sodium, narasin, salinomycin sodium jew semduramycin sodium</p>	22.10.2017
--------	-----------------	------------------------------------	---	--------------------	---	-----------------	-------------------	---	------------

⁽¹⁾ Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju li ġej: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 516/2010

tal-15 ta' Ġunju 2010

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li ttriggwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali.
- (2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jstabbilixxi l-miżuri tranżitorji għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi tal-għalf imressqa skont id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-addittiv imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament tressqet qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) Il-kummenti tal-bidu dwar dik l-applikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE, tressqu lill-Kummissjoni qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Din l-applikazzjoni għalhekk se tibqa' titqies skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.
- (5) L-użu tal-preparazzjoni ta' enzimi tal-endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94),

l-endo-1,4-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 592.94), l-alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), u l-endo-1,4-beta-xylanase prodott mit-*Trichoderma viride* (NIBH FERM BP 4842) kien awtorizzat provviżorjament, għat-tiġieġ tal-bajd, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1458/2005⁽³⁾. Dan ġie awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien għat-tiġieġ li jtkabbru għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 358/2005⁽⁴⁾, u għad-dukjani li jtkabbru għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1284/2006⁽⁵⁾.

- (6) Tressqet dejta ġdida li tappoġġja applikazzjoni għal awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni ta' enzimi għat-tiġieġ tal-bajd.
- (7) Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enzimi, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Il-preparazzjoni li tagħmel parti mill-grupp "Enzimi", kif speċifikat fl-Anness I, hija awtorizzata mingħajr limitu ta' żmien bħala addittiv fin-nutrimient tal-annimali skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(¹) ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.
(²) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

(³) ĠU L 233, 9.9.2005, p. 3.

(⁴) ĠU L 57, 3.3.2005, p. 3.

(⁵) ĠU L 235, 30.8.2006, p. 3.

ANNEX

Nru tal-KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija tal-animali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni		
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ					
Enzimi										
E 1621	Endo-1,3(4)-beta-glucanase KE 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-glucanase KE 3.2.1.4 Alpha-amylase KE 3.2.1.1 Endo-1,4-beta xylanase KE 3.2.1.8	Il-Preparazzjoni tal: endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mill- <i>Aspergillus aculeatus</i> (CBS 589.94), endo-1,4-beta-glucanase prodott mit- <i>Trichoderma longibrachiatum</i> (CBS 592.94), alpha-amylase prodott mill- <i>Bacillus amyloliquefaciens</i> (DSM 9553) u endo-1,4-beta-xylanase prodott mit- <i>Trichoderma viride</i> (NIBH FERM BP4842) b'attività minima ta': Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 10 000 U ⁽¹⁾ /g, Endo-1,4-beta-glucanase: 120 000 U ⁽²⁾ /g, alpha-amylase: 400 U ⁽³⁾ /g, Endo-1,4-beta-xylanase: 210 000 U ⁽⁴⁾ /g.	Tiġieġ tal-bajd	—	endo-1,3(4)-beta-glucanase 500 U	endo-1,4-beta-glucanase 6 000 U	alpha-amylase: 20 U	endo-1,4-beta-xylanase 10 500 U	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm tista' ddum il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. 2. Doża rakkomandata għal kull kg ta' għalf sħiħ: endo-1,3(4)-beta-glucanase: 500-1 500 U endo-1,4-beta-glucanase: 6 000-18 000 U alpha-amylase: 20-60 U endo-1,4-beta-xylanase: 10 500-31 500 U 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polysaccharides li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira betaglucans u arabinoxylans), eż. li fihom bejn 30 % u 50 % qamħ.	Mingħajr limitu ta' żmien.
<p>⁽¹⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enzimi li jllibera 0,0056 micromole ta' zokkor li jnaqqas (ekwivalent ta' glukows) mill-beta-glucan tax-xgħir fil-minuta f' pH ta' 7,5 u 30 °C.</p> <p>⁽²⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enzimi li jllibera 0,0056 micromole ta' zokkor li jnaqqas (ekwivalent ta' glukows) mill-carboxymethylcellulose fil-minuta f' pH ta' 4,8 u 50 °C.</p> <p>⁽³⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enzimi li jllibera 1 micromole ta' glucosidic linkages minn polimeri tal-lamtu interkonnessi li ma jinħallux fl-ilma fil-minuta f' pH ta' 7,5 u 37 °C.</p> <p>⁽⁴⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enzimi li jllibera 0,0067 micromole ta' zokkor li jnaqqas (ekwivalent ta' ksilożju) mill-xylan tal-injam tal-betula fil-minuta f' pH ta' 5,3 u 50 °C.</p>										

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 517/2010**tal-15 ta' Ġunju 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	132,1
	MA	44,4
	MK	40,5
	TR	62,0
	ZZ	69,8
0707 00 05	MA	37,3
	MK	45,6
	TR	109,4
	ZZ	64,1
0709 90 70	MA	68,1
	TR	102,6
	ZZ	85,4
0805 50 10	AR	95,1
	BR	112,1
	TR	100,7
	US	83,2
	ZA	104,7
	ZZ	99,2
0808 10 80	AR	95,7
	BR	81,6
	CA	72,1
	CL	90,6
	CN	86,3
	NZ	119,2
	US	124,1
	UY	123,8
	ZA	96,4
	ZZ	98,9
0809 10 00	TN	380,0
	TR	201,6
	ZZ	290,8
0809 20 95	SY	245,9
	TR	355,9
	US	576,0
	ZZ	392,6
0809 30	TR	158,2
	ZZ	158,2

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 518/2010**tal-15 ta' Ġunju 2010****li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2010**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żriġh, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

- (2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.
- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2010, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mis-16 ta' Ġunju 2010, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

ANNEX I

Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2010

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju tal-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
1001 90 91	QAMĦ għaż-żriġh	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żriġh	0,00
1002 00 00	SEGALA	13,25
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh minbarra dak ibridu	4,54
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żriġh ⁽²⁾	4,54
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żriġh	13,25

⁽¹⁾ Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fil-Baħar Mediterran jew fil-Baħar l-Iswed,
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Isvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNEX II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

1.6.2010-14.6.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ ⁽¹⁾	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja ⁽²⁾	Qamħ iebes kwalità baxxa ⁽³⁾	Xgħir
Borża	Minneapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	164,76	112,20	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	140,18	130,18	110,18	86,45
Tariffa fuq il-Golf	—	14,77	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	40,56	—	—	—	—	—

⁽¹⁾ Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽²⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽³⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 30,51 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 62,32 EUR/t

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Ġunju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tal-Baħrejn u l-Brażil fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3665)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/333/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae (razza taż-żwiemel) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 12(1) u (4), u l-frażi preliminari tal-Artikolu 19 u l-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) għad-Direttiva 90/425/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 90/426/KE tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' equidae ħajjin fl-Unjoni. Hi tipprevedi li l-importazzjoni ta' equidae fl-Unjoni hija awtorizzata biss minn pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorji tagħhom li ilhom ħielsa mill-glanders għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina ⁽³⁾, tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew partijiet minnhom fejn

japplika t-taqsim ta' pajjiżi f'regijuni, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra li japplikaw għal din l-importazzjoni. Din il-lista hija stipulata fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

- (3) Il-glanders tinstab f'partijiet mit-territorju tal-Brażil u għalhekk l-importazzjoni tal-equidae u, bħala konsewgenza, tas-semen, tal-ova u tal-embrijuni tagħhom hija awtorizzata biss minn partijiet tat-territorju ta' dak il-pajjiż terz, elenkati fil-kolonna 4 tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KEE, li huma ħielsa mill-mard. L-Istat ta' Goiás huwa elenkat f'dik il-kolonna. Id-Distrito Federal huwa entità amministrattiva separata li jinstab fl-Istat ta' Goiás. Mil-lat epidemjoloġiku d-Distrito Federal kien sa issa kkunsidrat bħala parti mill-Istat ta' Goiás u ma kienx imsemmi b'mod speċifiku f'dik il-kolonna.
- (4) F'April tal-2010 l-Brażil innotifikat l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) bil-konferma ta' każ ta' glanders f'żwiemel fid-Distrito Federal. Minħabba li d-Distrito Federal ma għadux ħieles mill-glanders, għandu jiġi emendat l-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE biex jindika li d-dħul fl-Unjoni ta' equidae, u s-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina ma għadux awtorizzati minn dak ir-reġjun.
- (5) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet rapport dwar xi każi kkonfermati ta' glanders fil-Baħrejn. Għaldaqstant, ma għandhiex tibqa' awtorizzata l-introduzzjoni ta' żwiemel irreġistrati u tas-semen tagħhom mill-Baħrejn.
- (6) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2004/211/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽³⁾ ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annex I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

(1) ir-reġistrazzjoni għall-Baħrejn hija sostitwita b'dan li ġej:

"BH	Baħrejn	BH-0	Il-Pajjiż kollu	E	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
-----	---------	------	-----------------	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---

(2) ir-reġistrazzjoni għall-Brażil hija sostitwita b'dan li ġej:

"BR	Brażil	BR-0	Il-Pajjiż kollu		-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	
		BR-1	L-Istati ta' Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo, Mato Grosso do Sul, Goiás, Minas Gerais, Rio de Janeiro, Espíritu Santo, Rondônia, Mato Grosso	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
		BR-2	Distrito Federal	D	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membri tal-Kummissjoni

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

